



**NOTA TA' SPJEGAZZJONI**

**OPINJONI NRU 03/2012**

**TAL-AĠENZIJA EWROPEA TAS-SIKUREZZA TAL-AVJAZZJONI**

**tat-3TA' SETTEMBRU 2012**

**għal Regolament tal-Kummissjoni li jemenda r-Regoli ta' Implimentazzjoni għall-operazzjonijiet bl-ajru u Regoli ta' Implimentazzjoni għall-ekwipaġġ tal-ajru**

**Operazzjonijiet ta' trasport kummerċjali bl-ajru bi gliders u blalen tal-arja**

**Operazzjonijiet ta' trasport kummerċjali minn A sa A b'ajruplani u ħelikopters**

## Werrej

<b>Sommarju Eżekuttiv .....</b>	<b>3</b>
<b>Introduzzjoni.....</b>	<b>4</b>
I.    Ġenerali .....	4
II.   Kamp ta' applikazzjoni tal-Opinjoni .....	4
III.  Konsultazzjoni.....	6
IV.   Konvenzjoni dwar in-numerazzjoni tar-regoli .....	7
<b>CAT (S, B).....</b>	<b>8</b>
I    Emendi għar-Regolament ta' Kopertura dwar l-Operazzjonijiet bl-ajru .....	8
II.   Emendi għall-Parti-CAT .....	8
III.  Emendi għall-Parti-ORO.....	14
IV.   Osservazzjonijiet oħra.....	15
<b>CAT (Minn A sa A).....</b>	<b>16</b>
I.    Policy.....	16
II.   Emendi għar-Regolamenti ta' Koperatura .....	18
III.  Emendi għall-Parti-CAT .....	19
IV.   Emendi għall-Parti-ORO.....	21
V.    Emendi għall-Parti-ARO .....	23
VI.   Emendi għall-Parti-ORA .....	23
VII.  Osservazzjonijiet oħra .....	23
<b>Anness 1: Tabelli ta' kontroreferenza għall-Appendiċi f'EU-OPS u JAR-OPS3 .....</b>	<b>24</b>
Appendiċi 1 għal 1.005(a) – ajruplani bi prestazzjoni tal-klassi B, VFR bi nhar.....	24
Appendiċi 1 għal 3.005(f) – operazzjonijiet żgħar bil-ħelikopter, VFR bi nhar.....	41
Appendiċi 1 għal 3.005(g) – operazzjonijiet lokali bil-ħelikopter, VFR bi nhar .....	51
<b>Anness 2: lista ta' eżenzjonijiet parzjali u regoli mhux applikabbli għall-CAT (Minn A sa A).....</b>	<b>56</b>
Parti-CAT .....	56
<b>Anness 3: Akronimi u taqsiriet użati.....</b>	<b>82</b>

### **Sommarju Eżekuttiv**

Din l-Opinjoni fiha Regoli ta' Implimentazzjoni għal operazzjonijiet ta' trasport kummerċjali bl-ajru (CAT) bi gliders u blalen tal-arja u temenda d-dokumenti tar-regoli li ġejjin:

- Ir-Regolament ta' Kopertura dwar l-Operazzjonijiet bl-ajru;
- L-Anness I – Definizzjonijiet għall-Annessi II sa VIII;
- L-Anness II – Parti-ARO, Rekwiżiti tal-awtoritajiet għall-operazzjonijiet bl-ajru;
- L-Anness III – Parti-ORO, Rekwiżiti tal-organizzazzjonijiet għall-operazzjonijiet bl-ajru, b'mod speċifiku għal operaturi tal-ajru kummerċjali u operaturi tal-ajru mhux kummerċjali ta' inġenju tal-ajru kumpless li jaħdem bil-mutur; u
- L-Anness IV - Parti-CAT, Rekwiżiti tekniċi għal operazzjonijiet ta' trasport kummerċjali.

Barra minn hekk, din l-Opinjoni fiha Regoli ta' Implimentazzjoni għal operazzjonijiet ta' CAT li jibdeu u jintemmu fl-istess ajrudrom jew sit operattiv. Temenda d-dokumenti tar-regoli li ġejjin:

- Ir-Regolament għall-Operazzjonijiet bl-ajru:
  - Ir-Regolament ta' Kopertura dwar l-Operazzjonijiet bl-ajru;
  - L-Anness II – Parti-ARO, Rekwiżiti tal-awtoritajiet għall-operazzjonijiet bl-ajru;
  - L-Anness III – Parti-ORO, Rekwiżiti tal-organizzazzjonijiet għall-operazzjonijiet bl-ajru; u
  - L-Anness IV - Parti-CAT, Rekwiżiti tekniċi għal operazzjonijiet ta' trasport kummerċjali;
- Ir-Regolament għall-ekwipaġġ tal-ajru:
  - Ir-Regolament ta' Kopertura dwar l-Ekwipaġġ tal-Ajru; u
  - L-Anness VII – Parti-ORA, Rekwiżiti tal-organizzazzjonijiet għall-ekwipaġġ tal-ajru.

L-iżvilupp ta' dawn ir-rekwiżiti nbena fuq il-prinċipji li ġejjin:

- iż-żamma ta' livell għoli ta' sikurezza;
- l-iżgurar ta' regoli proporzjonati, fejn xieraq;
- l-għoti ta' flessibilità u effiċjenza għal operaturi u awtoritajiet.

Din l-Opinjoni hija r-riżultat ta' proċess ta' konsultazzjoni estensiv li involva l-awtoritajiet, l-assoċjazzjonijiet, l-operaturi u l-esperti tal-avjazzjoni.

## **Introduzzjoni**

### **I. Ġenerali**

1. Ir-Regolament (KE) Nru 216/2008<sup>1</sup> tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (minn hawn 'il quddiem ir-'Regolament Bażiku') kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1108/2009<sup>2</sup> jistabbilixxi qafas xieraq u komprensiv għad-definizzjoni u t-twettiq tar-rekwiżiti tekniċi komuni u tal-proċeduri amministrattivi komuni fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili.
2. L-iskop ta' din l-Opinjoni huwa li tassisti lill-Kummissjoni Ewropea meta tiġi biex tistabbilixxi r-Regoli ta' Implimentazzjoni (IR) għall-operazzjonijiet bl-ajru.
3. L-Opinjoni ġiet adottata, billi ġiet segwita l-proċedura speċifikata mill-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (l-'Aġenzija')<sup>3</sup>, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 19 tar-Regolament Bażiku.

### **II. Kamp ta' applikazzjoni tal-Opinjoni**

4. Din l-Opinjoni fiha IR għal operazzjonijiet ta' trasport kummerċjali bl-ajru (CAT) bi gliders u bl-ajru tal-arja u temenda d-dokumenti tar-regoli li ġejjin:
  - Ir-Regolament ta' Kopertura dwar l-Operazzjonijiet bl-ajru;
  - L-Anness I – Definizzjonijiet għall-Annessi II sa VIII;
  - L-Anness II – Parti-ARO, Rekwiżiti tal-awtoritajiet għall-operazzjonijiet bl-ajru;
  - L-Anness III – Parti-ORO, Rekwiżiti tal-organizzazzjonijiet għall-operazzjonijiet bl-ajru, b'mod speċifiku għal operaturi tal-ajru kummerċjali u operaturi tal-ajru mhux kummerċjali ta' inġenju tal-ajru kumpless li jaħdem bil-mutur; u
  - L-Anness IV - Parti-CAT, Rekwiżiti tekniċi għal operazzjonijiet ta' trasport kummerċjali.
5. Barra minn hekk, din l-Opinjoni fiha IR għal operazzjonijiet ta' CAT li jibdeu u jintemmu fl-istess ajrudrom jew sit operattiv (CAT minn A sa A) u temenda d-dokumenti tar-regoli li ġejjin:
  - Ir-Regolament għall-operazzjonijiet bl-ajru:
    - Ir-Regolament ta' Kopertura dwar l-Operazzjonijiet bl-ajru;
    - L-Anness II – Parti-ARO, Rekwiżiti tal-awtoritajiet għall-operazzjonijiet bl-ajru;


<sup>1</sup> Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 dwar regoli komuni fil-kamp tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 91/670/KEE, ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 u d-Direttiva 2004/36/KE. *ĠU L 79, 19.03.2008, p. 1-49.*

<sup>2</sup> Regolament (KE) Nru 1108/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 216/2008 fil-qasam tal-ajrudromi, il-ġesjoni tat-traffiku tal-ajru u s-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u li jħassar id-Direttiva 2006/33/KE. *ĠU L 309, 24.11.2009, pp. 51-70.*

<sup>3</sup> Deċiżjoni tal-Bord tat-Tmexxija dwar il-proċedura li trid tiġi applikata mill-Aġenzija għall-ħruġ ta' Opinjonijiet, Ċertifikazzjonijiet, Speċifikazzjonijiet u Materjal ta' Gwida (Proċedura ta' Tfassil tar-Regoli). EASA MB 08-2007, 13.06.2007.


- L-Anness III - Parti-ORO, Rekwiżiti tal-organizzazzjonijiet għall-operazzjonijiet bl-ajru; u
  - L-Anness IV - Parti-CAT, Rekwiżiti tekniċi għal operazzjonijiet ta' trasport kummerċjali;
  - Ir-Regolament għall-ekwipaġġ tal-ajru:
    - Ir-Regolament ta' Kopertura dwar l-Ekwipaġġ tal-Ajru; u
    - L-Anness VII - Parti-ORA, Rekwiżiti tal-organizzazzjonijiet għall-ekwipaġġ tal-ajru.
6. Id-dokumenti ta' din l-Opinjoni huma bbażati fuq l-istruttura tar-regoli reveduta kif ġiet proposta mill-Kummissjoni Ewropea u l-Aġenzija f'April 2011. It-tabella li ġejja tagħti ħarsa ġenerali lejn l-Annessi fir-Regolament għall-Operazzjonijiet bl-ajru u r-Regolament għall-Ekwipaġġ tal-Ajru<sup>4</sup>.

### It-Tabella 1 Annessi tar-Regolament għall-Operazzjonijiet bl-Ajru<sup>5</sup>



<sup>4</sup> Regolament dwar l-ekwipaġġi tal-ajruplani tal-avjazzjoni ċivili (UE) Nru 1178/2011 u kif emendat mir-Regolament (UE) Nru 290/2012.

<sup>5</sup> NCC: operazzjonijiet mhux kummerċjali b'ingenu tal-ajru kumpless li jaħdem bil-mutur; NCO: operazzjonijiet mhux kummerċjali b'ingenu tal-ajru li mhuwiex ingenu tal-ajru kumpless li jaħdem bil-mutur; SPO: operazzjonijiet speċjalizzati.

**Tabella 2: Annessi tar-Regolament għall-Ekwipaġġ tal-Ajru<sup>6</sup>**

### III. Konsultazzjoni

7. Din l-Opinjoni hija bbażata fuq:

- NPA 2008-22 li fih abbozzi ta' proposti għar-Regoli ta' Implimentazzjoni (IR) u l-Mezzi Aċċettabbli ta' Konformità (AMC) u l-Materjal ta' Gwida (GM) relatati għall-awtoritajiet u l-organizzazzjonijiet;
- NPA 2009-02 li tinkludi abbozzi ta' proposti għal IR, u AMC u GM relatati għall-operazzjonijiet tal-ajru.

8. NPA 2008-22 ġie ppubblikat fuq il-websajt tal-EASA (<http://www.easa.europa.eu>) fil-31 ta' Ottubru 2008. Il-perjodu ta' konsultazzjoni ntemm fit-28 ta' Mejju 2009. NPA 2009-02 ġie ppubblikat fuq il-websajt tal-EASA (<http://www.easa.europa.eu>) fit-30 ta' Jannar 2009. Il-perjodu ta' konsultazzjoni ntemm fil-31 ta' Lulju 2009.

9. It-testi tar-regoli emendati ġew diskussi f'dettall mal-Gruppi ta' revizzjoni għat-tfassil tar-regoli stabbiliti għal NPAs 2008-22 u 2009-02.

10. Fuq il-bażi ta' konsultazzjoni estensiva ma' awtoritajiet, assoċjazzjonijiet u operaturi, l-Aġenzija ppubblikat is-CRDs għall-Parti-AR u Parti-OR fl-4 ta' Ottubru 2010, is-CRD OPS I fil-25 ta' Novembru 2010 u s-CRD OPS III fis-27 ta' Ottubru 2011. Il-perjodu għall-kummenti wasal fi tmiemu fis-6 ta' Diċembru 2010, il-15 ta' Frar 2011 u t-30 ta' Jannar 2012 rispettivament.

11. L-Aġenzija ddiskutiet l-abbozzi tal-proposti għal CAT minn A sa A ma' membri tal-AGNA f'żewġ sessjonijiet tematiċi f'Ottubru 2011 u Lulju 2012.

<sup>6</sup> FCL: liċenzjar tal-ekwipaġġ tat-titjira; MED: mediku, CC: ekwipaġġ tal-kabina; ARA: Rekwiżiti tal-awtorità għall-ekwipaġġ tal-ajru.

**IV. Konvenzjoni dwar in-numerazzjoni tar-regoli**

12. B'konformità mal-linji gwida ta' abbozzar tat-tfassil tar-regoli tal-Aġenzija, għall-IR ġiet applikata l-konvenzjoni ta' enumerazzjoni tar-regoli li ġejja:

<Parti>.<Subparti>.<Sezzjoni>.<N>

Spjegazzjoni:

<Parti>: obbligatorja - sa erba' ittri jew ċifri

eżempji: ARO, ORO, CAT

<Subparti>: obbligatorja - sa erba' ittri jew ċifri

eżempji: GEN, OP, POL, IDE

<Sezzjoni>: obbligatorja - sa ħames ittri jew ċifri

eżempji: MPA, NMPA, A, H, S, B


<N>: obbligatorja - numru tar-regola - tliet ċifri, li jibdew minn 100, in-numri ta' wara ġeneralment jiġu nnumerati b'żieda ta' 5 fin-numru.

**CAT (S, B)****I Emendi għar-Regolament ta' Kopertura dwar l-Operazzjonijiet bl-ajru**

13. L-emendi għar-Regolament ta' Kopertura jinkludu żewġ aġġustamenti żgħar biex ikopru l-operazzjonijiet ta' CAT bi blalen tal-arja u gliders.
14. L-emenda għall-Artikolu 1 tistabbilixxi l-applikabilità tar-regoli dwar l-OPS għal operazzjonijiet ta' CAT bi gliders u blalen tal-arja. Huwa ċċarat ukoll li r-regolament ma japplikax għal blalen tal-arja bis-sonda, airships u titjiriet bi blalen tal-arja bis-sonda. Fost il-bosta tipi ta' operazzjonijiet bi blalen tal-arja, uħud minnhom huma soġġetti għas-sondar. Id-differenzi bażiċi bejn it-tliet għamliet ewlenin ta' ssondar huma dawk li ġejjin:
- 'ballun tal-arja bis-sonda' huwa mfassal b'mod speċifiku biex matul l-operazzjoni jibqa' ankrat mal-art il-ħin kollu permezz ta' sistema ta' sonda.
  - 'titjira bis-sonda' hija t-trażżin temporanju ta' ballun tal-arja ħieles li jkun f'titjira bil-għan li titwettaq titjira sħiħa f'post wieħed.
  - 'trażżin tat-tluq' huwa t-trażżin temporanju ta' ballun tal-arja ħieles bil-għan li tinbeda titjira ħielsa.
15. Hija biss l-operazzjoni bi 'trażżin tat-tluq' li ser tkun koperta minn dan ir-Regolament. Il-'ballun tal-arja bis-sonda' u t-'titjira bis-sonda' mhumiex koperti minn dan ir-Regolament. Dawn ser jiġu kkunsidrati iktar 'il quddiem.
16. Dwar it-tranżizzjoni, huwa propost perjodu ta' non-parteċipazzjoni ta' 3 snin. Din il-proposta tiegħu f'kunsiderazzjoni l-fatt li illum ma jeżistu ebda regoli armonizzati tal-UE għal operazzjonijiet bħal dawn.

**II. Emendi għall-Parti-CAT****Kamp ta' applikazzjoni**

17. Il-Parti-CAT fiha regoli tekniċi għall-operazzjonijiet kollha ta' CAT. L-istruttura tal-Parti-CAT tfasslet biex ikunu jistgħu jiddaħħlu regoli għal ċerti kategoriji ta' inġenji tal-ajru iktar 'il quddiem mingħajr ma tixxekkel is-sekwenza tar-regoli diġà disponibbli minn qabel. Għaldaqstant, ħafna mir-regoli applikabbli għal CAT (S, B) huma f'sezzjonijiet ġodda.
18. Il-karta li ġejja tidentifika bil-kulur blu s-subpartijiet u s-sezzjonijiet applikabbli għal operazzjonijiet ta' CAT (S, B).



19. Ir-regoli tal-Parti-CAT (S, B) għandhom jinqraw flimkien ma':

- Ir-Regolament ta' Kopertura dwar l-Operazzjonijiet bl-ajru;
- Anness I - Definizzjonijiet għat-termini li jintużaw fl-Annessi II sa VIII;
- L-Anness II - Parti-ARO, li fiha r-rekwiżiti tal-awtoritajiet għal operaturi ta' CAT; u
- L-Anness III - Parti-ORO, li fiha r-rekwiżiti tal-organizzazzjonijiet, li fihom ikunu rilevanti s-Subpartijiet li ġejjin b'mod partikolari: ORO.GEN, ORO.MLR, ORO.AOC u ORO.FC;
- L-Anness V - Parti-SPA, li fiha r-rekwiżiti għall-operazzjonijiet li jeħtieġu approvazzjoni speċifika, fil-prinċipju hija applikabbli wkoll għal operaturi ta' CAT

(S, B); madankollu, l-ebda waħda minn dawn l-operazzjonijiet ma tidher li hi relevanti għall-operaturi ta' CAT (S, B).

### **Ħarsa ġenerali lejn ir-reazzjonijiet**

20. B'kollox l-Aġenzija rċiviet 92 reazzjoni minn seba' partijiet interessati.
21. Uħud mir-reazzjonijiet kienu dwar CAT (S, B) inġenerali u ssuġġerew li CAT (S, B) ma għandhomx jitqiesu attività kummerċjali. Ittieħdet nota ta' dawn ir-reazzjonijiet iżda ma ntlagħhux peress li din l-Opinjoni ma tindirizzax jekk attività għandhiex tiġi kklassifikata bħala kummerċjali jew mhux kummerċjali. It-terminu operazzjoni kummerċjali huwa ddefinit fl-Artikolu 3 tar-Regolament Bażiku u ma jistax jinbidel permezz ta' IR ta' grad iktar baxx.
22. Għas-Subparti GEN, ħafna mill-kummenti kienu dwar CAT.GEN.NMPA.140 'Dokumenti, manwal u informazzjoni li jridu jinġarru'. Ħafna mir-reazzjonijiet staqsew għal iktar eżenzjonijiet parzjali u għall-allinjament mal-Parti-NCO; ħafna minnhom intlaqgħu.
23. Għas-Subparti OP, ħafna mill-kummenti ġew indirizzati għal operazzjonijiet bi blalen tal-arja. Ħafna minnhom indikaw il-bżonn għal kjarifiki ulterjuri, li huma pprovduti fl-ispejgazzjonijiet iktar 'l isfel.
24. Anki dwar is-Subparti POL, ħafna mill-kummenti kienu indirizzati għar-rekwiżit ta' ballun tal-arja u l-AMCs għas-sistema għad-determinazzjoni tal-massa. Ħafna minn dawn ir-reazzjonijiet intlaqgħu.
25. Daħlu madwar 30 kumment dwar is-Subparti IDE, bil-parti l-kbira li kienu dwar blalen tal-arja. Uħud mir-reazzjonijiet iffokaw fuq is-sistema ta' trażżin għall-kaptan fuq blalen tal-arja u f'xi każijiet appoġġjaw it-test propost u f'oħrajn ma qablux. Uħud mir-reazzjonijiet talbu konsistenza ma' Partijiet oħrajn. Il-kummenti xeħtu dawl ukoll fuq il-bżonn li tiġi riveduta d-dispożizzjoni dwar it-tagħmir mixxelanju għall-blalen tal-arja. Intalbu kjarifiki dwar it-tagħmir għall-komunikazzjoni bir-radju tal-gliders.

### **Spjegazzjonijiet**

26. Meta abbozzat is-Sezzjonijiet il-ġodda, l-Aġenzija vverifikat bir-reqqa l-konsistenza tar-regoli proposti mad-dokumenti li ġejjin u allinjathom fejn dan kien xieraq:
  - għall-IR li huma speċifiċi għall-CAT, mal-verżjoni tal-Parti-CAT (A, H) kif adottata fil-Kumitat tal-EASA u mibgħuta lill-Parlament Ewropew għal skrutinju; u
  - għall-IR li huma iktar speċifiċi għal operazzjonijiet bi gliders u blalen tal-arja, mal-aħħar verżjoni tal-Parti-NCO kif diskussa fil-Kumitat tal-EASA.
27. Il-kapitli li ġejjin jiddeskrivu l-emendi mqabbla mal-verżjoni tas-CRD f'dak li għandu x'jaqsam mal-kontenut tar-regoli u jipprovdu iktar spjegazzjonijiet għal regoli partikolari.

### ***CAT.GEN.105 Gliders bil-mutur tat-touring u gliders bil-mutur***

28. L-iskop ta' dan ir-rekwiżit huwa li jiċċara li l-gliders bil-mutur, minbarra gliders bil-mutur tat-touring, għandhom jiħaddmu skont l-IR-regoli applikabbli għal inġenji tal-ajru u gliders li ma jaħdmux bil-mutur. Barra minn hekk, għall-gliders bil-mutur tat-

touring, li jitqiesu bħala subkategorija ta' gliders bil-mutur, din ir-regola tispeċifika dawk ir-regoli applikabbli skont jekk jitħaddmux bħala ajruplan jew glider.

29. Din ir-regola telgħet 'il fuq fil-ġerarkija tar-regoli u titqiegħed qabel it-test tas-Sezzjonijiet 1 u 2 tas-Subparti GEN.

#### **CAT.GEN.NMPA.100 Responsabilitajiet tal-kaptan**

30. Din ir-regola tiġbor fil-qosor l-iktar responsabilitajiet importanti tal-kaptan. Ir-regoli ġew emendati b'rekwiżiti addizzjonali, li jirriflettu uħud mir-regoli applikabbli għall-membri tal-ekwipaġġ għal operazzjonijiet ta' CAT (A, H). Ir-rekwiżiti l-ġodda jindirizzaw l-iskema ta' rapportar tal-okkorrenza tal-operatur, ir-rekwiżiti tal-FTL u ta' mistrieħ u jelenkaw is-sitwazzjonijiet li fihom il-kaptan ma għandux jaħdem fuq inġenju tal-ajru.
31. Għad li s-soltu l-komunità tal-gliders u l-blalen tal-arja tuża t-terminu bdot fil-kmand minflok it-terminu kaptan, l-Aġenzija xorta waħda tipproponi li jintuża dan it-terminu għal konsistenza ma' regoli oħrajn fil-Parti-CAT u Parti-ORO.

#### **CAT.GEN.NMPA.105 Responsabilitajiet tal-membri tal-ekwipaġġ tal-blalen tal-arja**

32. Il-Parti-ORO tapplika wkoll għal operazzjonijiet ta' CAT bi blalen tal-arja. Dan ifisser li r-rekwiżit fis-Subparti CC għall-assenjazzjoni ta' minimu ta' membru wieħed tal-ekwipaġġ tal-kabina sabiex jopera l-inġenju tal-ajru ċċertifikat għal kapaċità ta' iktar minn 19-il passiġġer ikun japplika għall-blalen tal-arja li jgħorru iktar minn 19-il passiġġer.
33. Madankollu, fil-parti l-kbira tagħhom, ir-regoli f'ORO.CC ġew abbozzati għal operazzjonijiet b'ajruplani u ħelikopters u ma tqisux xierqa għal operazzjonijiet bi blalen tal-arja. Għaldaqstant, huwa propost li l-operazzjonijiet bi blalen tal-arja jiġu esklużi mir-rekwiżiti għall-ekwipaġġ tal-kabina.
34. Madankollu, huwa kkunsidrat li l-kaptan jeħtieġ l-assistenza permezz ta' membru ieħor tal-ekwipaġġ meta jinġarru iktar minn 19-il passiġġer. Għal dan il-għan, żdiedet ir-regola l-ġdida CAT.GEN.NMPA.105 'Membru addizzjonali tal-ekwipaġġ tal-blalen tal-arja'. Ir-regola teħtieġ il-preżenza ta' membru addizzjonali tal-ekwipaġġ tal-blalen tal-arja abbord blalen tal-arja meta jgħorru iktar minn 19-il passiġġer u tispeċifika r-responsabilitajiet bażiċi tal-membri addizzjonali tal-ekwipaġġ.

#### **CAT.GEN.NMPA.140 Dokumenti, manwali u informazzjoni li jridu jinġarru**

35. Din ir-regola ġiet emendata fuq il-bażi tar-reazzjonijiet riċevuti minn partijiet interessati u sabiex jiġu evitati inkonsistenzi mal-aħħar verżjoni abbozzata disponibbli tal-Parti-NCO. Ir-regola issa tippermetti sabiex id-dokumenti, il-manwali u l-informazzjoni speċifikati fis-subparagrafu (a) ta' din ir-regola jistgħu jinġarru fil-vettura ta' sejbien jew jinżammu fl-ajrudrom jew fis-sit operattiv, għat-tnejn, operazzjonijiet bi gliders u blalen tal-arja, bil-kundizzjoni li t-titjira tkun operazzjoni minn A sa A jew f'żona lokali.

#### **CAT.GEN.NMPA.150 Trasport ta' oġġetti perikolużi**

36. Il-partijiet interessati talbu li din ir-regola titħassar għaliex ġeneralment operazzjoni ta' CAT (S, B) ma tkunx maħsuba għall-ġarr ta' oġġetti perikolużi. Irid jiġi ċċarat li dan ir-

rekwiżit jindirizza ċ-ċirkustanzi li fihom jistgħu jinġarru oġġetti perikolużi mingħajr ma tinkiseb approvazzjoni skont SPA.DG. Dan jikkonċerna, pereżempju, prodotti mgarrin f'bagalji tal-passiġġieri li normalment jitqiesu oġġetti perikolużi. Dan il-paragrafu jindirizza wkoll l-għarfien tal-kaptan sabiex jidentifika oġġetti perikolużi mgarrin bi żball.

37. Għaldaqstant, l-Aġenzija żammet din ir-regola iżda emendatha b'tali mod li t-trasport ta' oġġetti perikolużi ma jitħallix ħliet meta dawn ma jkunux soġġetti għall-Istruzzjonijiet Tekniċi għat-Trasport Sikur ta' Oġġetti Perikolużi bl-Ajru (Dok tal-ICAO 9284-AN/905) skont il-Parti 1 ta' dawk l-Istruzzjonijiet, jew meta jinġarru minn passiġġieri jew membri tal-ekwipaġġ, jew ikunu f'bagalji, skont il-Parti 8 tal-Istruzzjonijiet Tekniċi.
38. It-terminu 'Struzzjonijiet Tekniċi' huwa definit fl-Anness I (kif ippubblikat fl-Opinjoni 04/2011).

**CAT.OP.NMPA.105 Proċeduri għat-tnaqqis tal-istorbju – blalen tal-arja u gliders bil-mutur**

39. Fuq il-bażi tar-reazzjonijiet milqugħa ta' partijiet interessati, il-proċeduri għat-tnaqqis tal-istorbju ġew emendati u jispeċifikaw li r-regola tindirizza operazzjonijiet bi blalen tal-arja u gliders bil-mutur. Barra minn hekk, it-test ġie rilassat u mhuwiex indirizzat għall-operatur iżda għall-kaptan.

**CAT.OP.NMPA.110 Provvista u ppjanar ta' karburant jew savorra - blalen tal-arja**

40. Dan ir-rekwiżit ġie emendat u jispeċifika li l-kalkolu għandu jiġi ddokumentat fi pjan tat-titjira operazzjonali. Barra minn hekk, tneħħa t-terminu gass, bħal f'regoli oħra, peress li hu meqjus li l-gass diġà huwa indirizzat taħt it-terminu karburant.

**CAT.OP.NMPA.115 Il-ġarr ta' kategoriji speċjali ta' passiġġieri (SCPs)**

41. Fuq il-bażi ta' reazzjonijiet milqugħa ta' partijiet interessati, din ir-regola tqassret u ġiet ristretta għall-fini ta' sikurezza li l-SCPs għandhom jinġarru skont il-proċeduri stabbiliti mill-operatur biex tkun żgurata s-sikurezza tal-inġenju tal-ajru u l-okkupanti tiegħu.
42. It-test tal-AMC relatat jieħu f'kunsiderazzjoni r-Regolament (KE) Nru 1107/2006 dwar id-drittijiet ta' persuni b'diżabbiltà u ta' persuni b'mobbiltà mnaqqsa meta jivvjaġġaw bl-ajru.<sup>7</sup> Inxteħtet attenzjoni partikolari fuq l-Artikolu 2(a), li jagħti definizzjoni ta' 'persuna b'diżabbiltà' jew 'persuna b'mobbiltà mnaqqsa' li għandu kamp ta' applikazzjoni f'tit usa' mill-ekwivalenti tiegħu f'EU-OPS (re. ACJ OPS 1.260 fis-Sezzjoni 2 ta' JAR-OPS 1) u għall-ħtiġijiet speċifiċi għal operazzjoni ta' CAT operation bi blalen tal-arja.

**Eks CAT.OP.NMPA.120 Stivar ta' bagalji**

43. Din ir-regola tħassret għaliex ġiet ivvalutata bħala mhux rilevanti għal operazzjonijiet ta' CAT (S, B).

<sup>7</sup> ĠU L 204, 24.11.2009, pp. 1-9.

**CAT.OP.NMPA.135 Għeluq sikur tal-kompartiment tal-passiġġieri u tal-bdoti - blalen tal-arja**

44. Din ir-regola reġgħet ġiet abbozzata biex tkopri operazzjonijiet bi blalen tal-arja.

**CAT.OP.NMPA.165 Ġestjoni tal-karburant jew tas-saborra matul it-titjira**

45. It-test ġie emendat biex jirrifletti l-ħtiġijiet operazzjonali speċifiċi għall-blalen tal-arja. Ir-regola hija indirizzata lill-kaptan, li tirrifletti aħjar l-għamla tal-operazzjonijiet ta' CAT(B).

**CAT.OP.NMPA.170 Użu ta' ossiġnu addizzjonali**

46. It-test jindirizza r-rekwiżit operazzjonali dwar meta għandu jintuża l-ossiġnu addizzjonali. Irid jinqara flimkien mar-rekwiżiti relatati dwar l-ossiġnu f'CAT.IDE.S.125 u CAT.IDE.B.125.

**CAT.OP.NMPA.185 Limitazzjonijiet operazzjonali - gliders**

47. Żdiedet regola ġdida biex tiċċara li l-gliders għandhom jitħaddmu biss bi nhar.

**CAT.POL.S.110 Prestazzjoni**

48. Is-subparagrafu (b) ta' qabel li jindirizza operazzjonijiet fuq żoni ta' konġestjoni ta' ibliet, irħula jew villaġġi tħassar għaliex diġà huwa indirizzat fil-Parti-SERA 3.1.2.1.

**CAT.POL.B.115 Prestazzjoni**

49. Is-subparagrafu (b) ta' qabel li jindirizza operazzjonijiet fuq żoni ta' konġestjoni ta' ibliet, irħula jew villaġġi tħassar għaliex diġà huwa indirizzat fil-Parti-SERA 3.1.2.1.

**CAT.IDE.S.140 Tagħmir għall-komunikazzjoni bir-radju**

50. Ġie ċċarat li t-tagħmir għall-komunikazzjoni bir-radju huwa obligatorju biss meta dan ikun meħtieġ mir-rekwiżiti dwar l-ispazju tal-ajru.

**CAT.IDE.B.115 Operazzjonijiet skont il-VFR – strumenti tat-titjira u għan-navigazzjoni u oħrajn assoċjati**

51. Ir-regola emendata tallinja mat-test tal-Parti-NCO u tiċċara f'liema kundizzjonijiet hemm bżonn ta' altimetru tal-pessjoni.

**CAT.IDE.B.120 Sistemi ta' trażżin**

52. Ir-regola emendata tispeċifika li s-sistemi ta' trażżin għall-kaptan huma meħtieġa biss għall-blalen tal-arja b'basktijiet imqassma f'kompartimenti.

**CAT.IDE.B.135 Tagħmir portabbli għat-tifi tan-nar**

53. Ir-regola emendata tipprovdi link għal CS 31HB, li fiha r-rekwiżiti għat-tagħmir portabbli għat-tifi tan-nar.

**CAT.IDE.B.150 Tagħmir mixxellanju**

54. Ir-regola reġgħet għet abbozzata b'konformità mal-kummenti riċevuti u mal-Partijiet NCO/SPO. Issa hemm bżonn ta' oġġetti speċifiċi skont il-kategorija tal-ballun tal-arja.

**CAT.IDE.B.155 Tagħmir għall-komunikazzjoni bir-radju**

55. Huwa ċċarat li t-tagħmir għall-komunikazzjoni bir-radju hu obligatorju biss meta dan ikun meħtieġ mir-rekwiżiti tal-ispazju tal-ajru.

**III. Emendi għall-Parti-ORO****ORO.AOC**

56. Għall-operaturi li jwettqu CAT minn A sa A u operazzjonijiet ta' CAT bi gliders u blalen tal-arja, ir-Regolament (KE) Nru 2042/2003 ma jeħtieġx in-nomina ta' detentur tal-kariga għall-ajrunavigabbiltà ssokkata. Dan ma kienx rifless biżżejjed f'ORO.AOC.135 u għalhekk ġie emendat is-subparagrafu (a)(4). Barra minn hekk, ir-rekwiżiti tal-faċilità ddefiniti f'ORO.GEN.215 jitqiesu biżżejjed u għaldaqstant daww l-operaturi huma eżenti mir-rekwiżiti tal-faċilità stabbiliti f'ORO.AOC.140.

**ORO.MLR**

57. Huwa kkunsidrat li l-istruttura sfiha ta' manwal tal-operazzjonijiet kif mitlub minn ORO.MLR.101 mhijiex relevanti għall-operazzjonijiet ta' CAT (S, B). Għaldaqstant, sabiex tkun tista' tiġi introdotta flessibilità ikbar, filwaqt li jinżammu l-prinċipju ġenerali ta' manwal tal-operazzjonijiet, l-operazzjonijiet ta' CAT (S, B) ġew eżentati minn ORO.MLR.101 u hija pprovduta struttura simplifikata ta' manwal tal-operazzjonijiet f'AMC2 ORO.MLR.100.

**ORO.FC**

58. L-Opinjoni 04/2011 diġà kien fiha l-elementi għal operazzjonijiet ta' CAT bi gliders u blalen tal-arja. Dwar operaturi ta' CAT minn A sa A, l-operaturi ta' CAT bi blalen tal-arja u gliders iridu jsegwu r-rekwiżiti komuni tas-Sezzjoni I li japplikaw għall-operaturi kummerċjali u mhux kummerċjali kollha ta' inġenju tal-ajru kumpless li jaħdem bil-mutur. Barra minn hekk, huma mitluba jikkonformaw mar-rekwiżit għal operazzjonijiet kummerċjali li mhumiex CAT tas-Sezzjoni 3 li tistpula verifika annwali tal-għarfien tal-operatur. L-eżenzjonijiet parzjali reġgħu ġew reveduti u adattati għal darba oħra skont il-bidliet li saru għall-operazzjonijiet ta' CAT minn A sa A. Dawn il-bidliet jolqtu l-iktar materjal ta' AMC dwar ir-rotta/iż-żona u l-kompetenza tal-ajrudrom.
59. Ir-regoli applikabbli għall-operazzjonijiet bi blalen tal-arja u gliders fihom rekwiżiti dwar is-sawra tal-ekwipaġġ tat-titjira, il-ħatra ta' kaptan, it-taħriġ dwar CRM, taħriġ

differenzjat u ta' familjarizzazzjoni u taħriġ u verifiki rikorrenti li jinkludu verifika tal-għarfien tal-operatur.

### **ORO.CC**

60. Il-Parti-ORO tapplika wkoll għal blalen tal-arja li jwettqu operazzjonijiet ta' CAT. Dan ifisser li r-rekwiżit fis-Subparti CC għall-assenjazzjoni ta' minimu ta' membru wieħed tal-ekwipaġġ tal-kabina biex jopera inġenju tal-ajru ċċertifikat sabiex iġorr iktar minn 19-il passiġġier ikun japplika għall-blalen tal-arja li jgħorru iktar minn 19-il passiġġier.
61. Dan tqies irrelevanti għal dan it-tip ta' operazzjonijiet u għalhekk huwa propost sabiex il-blalen tal-arja jiġu esklużi mir-rekwiżit għall-ekwipaġġ tal-kabina.

### **IV. Osservazzjonijiet oħra**

62. Għall-fini ta' din l-Opinjoni, id-definizzjoni ta' massa vojta ta' ballun tal-arja tiżdied mal-Anness I – Definizzjonijiet kif ippreżentata fl-Opinjoni 04/2011. Fl-Opinjoni 04/2011 ġew inklużi d-definizzjonijiet għal ballun tal-arja, glider, glider bil-mutur u glider bil-mutur tat-touring. Għad li dawn it-termini wara ġew esklużi matul komitoloġija u ma jidhrux fl-ewwel Regolament (UE) Nru xxx/xxxx dwar l-Operazzjonijiet bl-ajru (peress li dak ir-Regolament fih biss rekwiżiti għal ajruplani u ħelikopters), id-definizzjonijiet ser jiddaħħlu fir-Regolament li jemenda dwar l-Operazzjonijiet bl-ajru, li fih ser jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet għal blalen tal-arja, gliders, gliders bil-mutur u gliders bil-mutur tat-touring. Barra minn hekk, id-definizzjoni ta' volum ta' traffiku hija mmodifikata ftit biex tiegħu f'kunsiderazzjoni operazzjonijiet bi blalen tal-arja.
63. Għall-fini ta' operazzjonijiet ta' CAT bi blalen tal-arja u gliders, ma ġew proposti ebda bidliet għall-Parti-ARO.

**CAT (Minn A sa A)****I. Policy****Għanijiet għall-operazzjonijiet ta' CAT minn A sa A**

64. Fuq il-bażi tal-kummenti riċevuti dwar l-NPA, ir-reazzjonijiet riċevuti dwar is-CRD, l-osservazzjonijiet miġbura matul il-laqgħat tematiċi tal-AGNA dwar titjriet minn A sa A kif ukoll matul id-diskussjonijiet fil-Kumitat tal-EASA, fil-fehma tal-Aġenzija r-regoli proposti dwar operazzjonijiet ta' CAT minn A sa A għandhom jissodisfaw l-għanijiet li ġejjin:
- jappoġġjaw operazzjonijiet ta' CAT ta' organizzazzjonijiet mhux kumplessi, li fihom is-servizzi pprovdut ikun wieħed ta' titjriet għal mawra fi ħdan żona lokali b'ingenu tal-ajru iżgħar mhux kumpless skont il-VFR bi nhar jew billejl;
  - jipprovdu inċentivi għal ajruklabbs li huma wkoll huma organizzazzjonijiet ta' taħriġ approvati (ATOs) fl-isforzi tagħhom biex isaħħu l-bażi ta' sħubija tagħhom, filwaqt li jieħdu f'kunsiderazzjoni li ġeneralment dawn l-organizzazzjonijiet iwettqu operazzjonijiet ta' CAT minn A sa A b'ingeni tal-ajru mhux kumplessi skont VR bi nhar fuq numru limitat ta' jiem;
  - jiżguraw li jiġi sodisfatt il-prinċipju ta' proporzjonalità;
  - iżommu livell għoli ta' sikurezza xierqa għall-operazzjonijiet ta' CAT meta jgħorru passiġġieri; u
  - jieħdu f'kunsiderazzjoni partikolari l-perikli inerenti meta jista' jkun hemm bdoti bla esperjenza li jwettqu operazzjonijiet okkażjonali ta' CAT.

**Kamp ta' applikazzjoni tal-operazzjonijiet ta' CAT minn A sa A kif iddefiniti fir-Regolament ta' Kopertura dwar l-Operazzjonijiet bl-ajru**

65. L-Artikolu 6 paragrafu 1 tal-abbozz tar-Regolament għall-operazzjonijiet bl-ajru kif adottat fil-Kumitat tal-EASA u miġbħut lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill għal skrutinju jeżenta l-operazzjonijiet ta' CAT minn A sa A mill-applikabilità tal-Annessi III u IV. Irraġuni għall-eżenzjoni kienet biex tiġi differita diskussjoni iktar dettaljata dwar operazzjonijiet ta' CAT minn A sa A għaż-żmien meta tkun għad-dispożizzjoni l-Opinjoni tal-EASA dwar il-pakkett ta' CAT minn A sa A.
66. L-Artikolu 6 jiddefinixxi operazzjonijiet ta' CAT minn A sa A bħala operazzjonijiet li jibdw u jintemmu fl-istess ajrudrom jew sit operattiv b'ajruplani bi prestazzjoni tal-klassi B u ħelikopters mhux kumplessi.
67. It-terminu 'ajruplan bi prestazzjoni tal-klassi B' huwa ddefinit fl-Anness I – Definizjonijiet u ġie traspost minn EU-OPS 1.470 bla bidliet. Biex ajruplan jikkwalifika bħala ajruplan bi prestazzjoni tal-klassi B, iridu jiġu sodisfatti l-kriterji kollha li ġejjin:
- irid jitħaddem b'magni bl-iskrun;
  - ikollu massa massima fit-tluġh (MTOM) ta' 5 700 kg jew inqas; u
  - ikollu konfigurazzjoni massima ta' sits għall-passiġġera (MPSC) ta' 9 jew inqas.

68. It-terminu 'ħelikopter mhux kumpless' ġej min-negozjar tad-definizzjoni ta' ħelikopter kumpless li jaħdem bil-mutur fl-Artikolu 3 tar-Regolament Bażiku. Biex ħelikopter jikkwalifika bħala ħelikopter mhux kumpless, iridu jiġu sodisfatti l-kriterji kollha li ġejjin:
- ikollu MTOM ta' 3 175 kg jew inqas;
  - ikollu MPSC ta' 9 jew inqas; u
  - ikun iċċertifikat għal operazzjonijiet bi bdot wieħed.

### **Tqabbil bejn l-għanijiet u l-kamp ta' applikazzjoni kif iddefiniti fir-Regolament ta' Kopertura**

69. Dan il-kamp ta' applikazzjoni kif iddefinit fir-Regolament ta' Kopertura huwa ferm mifrux u jippermetti li jsiru operazzjonijiet regolari u kumplessi ta' CAT li jmorru lil hinn mill-għanijiet stabbiliti iktar 'il fuq. Dawn li ġejjin jistħoqqilhom attenzjoni partikolari:
- Il-kamp ta' applikazzjoni jkun jippermetti wkoll li jsiru operazzjonijiet b'ingenu tal-ajru kumpless li jaħdem bil-mutur; ajruplan bi prestazzjoni tal-klassi B huwa kklassifikat bħala ajruplan kumpless li jaħdem bil-mutur jekk l-ajruplan ikun jaħdem b'magni turboprop jew inkella jkun iċċertifikat għal ekwipaġġ minimu ta' 2 bdoti.
  - Id-definizzjoni fir-Regolament ta' Kopertura ma jstabilixxi limiti għall-ħin tat-titjira jew limiti ġeografiċi, u dan ifisser li t-tali operazzjonijiet ta' CAT minn A sa A jistgħu jiġu offruti wkoll lil hinn miż-żona lokali (fl-IR mhix ipprovduta definizzjoni unika għal dan it-terminu), b'mod partikolari b'ingenu tal-ajru kumpless.
  - Barra minn hekk, ma hemm ebda limitazzjonijiet fuq ir-regoli tat-titjira, u dan ifisser li t-tali operazzjonijiet ta' CAT minn A sa A jistgħu jitwettqu skont il-VFR bi nhar, VFR billejl u anki IFR, u f'dan il-każ, b'mod partikolari għal dawn tal-aħħar, il-kumplessità tal-operazzjonijiet tiżdied b'mod notevoli.
  - Finalment, in-numru massimu ta' disa' passiġġieri huwa notevolment għoli, u dan jista' jintlaħaq b'mod effettiv b'ajruplani kumplessi.

### **Sommarju tal-azzjonijiet proposti**

70. Fuq il-bażi tal-valutazzjoni ta' hawn fuq, huma proposti l-azzjonijiet li ġejjin.
71. Għandu jiġi enfasizzat li l-awtoritajiet kompetenti jistgħu u għandhom japplikaw il-prinċipju ta' proporzjonalità għall-istruzzjonijiet u l-proċeduri interni tagħhom applikati fil-proċess ta' ċertifikazzjoni ta' organizzazzjonijiet mhux kumplessi. Sabiex jiżguraw livell għoli ta' sikurezza għall-operazzjonijiet ta' CAT u biex jindirizzaw il-perikli inerenti għal operazzjonijiet okkażjonali ta' CAT, meta jitwettqu minn operatur li l-operazzjonijiet ewlenin tiegħu ma jaqgħux taħt CAT, huwa propost li jinżamm ir-rekwiżit għal ċertifikat għal operazzjonijiet ta' CAT minn A sa A.
72. Għall-operaturi bl-ajru li jwettqu b'mod esklussiv operazzjonijiet ta' CAT minn A sa A b'ajruplani u ħelikopters, huma proposti eżenzjonijiet parzjali addizzjonali. Għal dan il-għan, huma proposti emendi għall-Parti-CAT, Parti-ORO u Parti-ARO. Madankollu, ħafna minn dawn l-eżenzjonijiet parzjali jżidu limitazzjonijiet addizzjonali għar-regoli tat-titjiriet eliġibbli li huma l-VFR bi nhar u għad-daqs tal-ingenu tal-ajru, eż.

73. ELA2. L-ajruplani u ħelikopters ELA2 huma ddefiniti fl-Anness I – Definizzjonijiet kif ġej:
- Ajruplan ELA2 huwa ajruplan b'massa massima fit-tluġh (MTOM) ta' 2 000 kg jew inqas mhux ikklassifikat b'ħala inġenju tal-ajru kumpless li jaħdem bil-mutur; u
  - Ħelikopter ELA2 huwa Inġenji tal-Ajru Kbar u Ferm Ħfief li Jaħdmu bir-Rotors b'MTOM li ma taqbiżx is-600 kg li huma ta' disinn sempliċi, iddisinjati biex iġorru massimu ta' żewġ okkupanti, mhux imħaddma b'turbina u/jew magni bir-rokit.
74. Barra minn hekk, ta' min jinnota li r-regoli diġà adottati għall-Parti-CAT u l-Parti-ORO jinkludu għadd ta' eżenzjonijiet parzjali għal operazzjonijiet lokali jew operazzjonijiet b'inġenji tal-ajru mhux kumplessi. Dawn ġejjin mill-eżenzjonijiet parzjali f'EU-OPS u JAR-OPS3:
- L-Appendiċi 1 għal 1.005(a) għal operazzjonijiet b'ajruplani bi prestazzjoni tal-klassi B matul VFR bi nhar;
  - L-Appendiċi 1 għal 3.005(f) għal operazzjonijiet b'ħelikopters iżgħar matul VFR bi nhar; u
  - L-Appendiċi 1 għal 3.005(g) għal operazzjonijiet lokali bil-ħelikopter.
75. L-Anness 1 għal din l-EN jipprovdi tabella ta' kontroreferenza bejn l-Appendiċi u r-regoli l-ġodda dwar l-EASA OPS inkluża dikjarazzjoni tad-differenza.
76. L-Anness 2 għal din l-EN jipprovdi lista b'eżenzjonijiet parzjali, projbizzjonijiet u regoli li mhumiex applikabbli jew li mhumiex relevanti għal operazzjonijiet tipiċi minn A sa A.
77. Fl-aħħar iżda mhux l-inqas, għall-ajruklabbs b'ċertifikat tal-ATO, għandu jkun possibbli li dawn joffru titjiriet ta' promozzjoni b'ċerti kundizzjonijiet. Biex din l-alternattiva tkun disponibbli, huma proposti emendi għar-Regolament dwar l-Ekwipaġġ tal-Ajru, b'mod partikolari għall-Parti-ORA.

## II. Emendi għar-Regolamenti ta' Koperatura


78. Ir-regoli proposti dwar titjiriet minn A sa A jeħtieġu emendi għar-Regolamenti ta' Koperatura tar-Reegolament dwar l-Operazzjonijiet bl-ajru kif ukoll għar-Regolament dwar l-Ekwipaġġ tal-ajru.
79. Mhuwiex meqjus neċessarju li jiġu ddefiniti l-operazzjonijiet ta' CAT minn A sa A. Ir-regoli minnhom infushom jispeċifikaw fi ħdan l-eżenzjoni parzjali għal liema kategorija ta' inġenji tal-ajru, regoli tat-titjira u ambjent operattiv japplikaw. Dan jippermetti li jkun hemm regoli iktar proporzjonati skont il-kwistjoni kkonċernata.
80. Il-punt 4 tar-Regolament ta' Koperatura li jemenda għall-operazzjonijiet bl-ajru jneħħi d-deroga mill-Artikolu 6 għal titjiriet minn A sa A. Il-punt 5 tar-Regolamenti ta' Koperatura li jemendaw jispeċifika li d-dispożizzjonijiet ta' anterjorità tal-AOC ta' EU-OPS u l-proċess ta' konverżjoni għal AOCs tal-ħelikopter stabbiliti fl-Artikolu 7 japplikaw bl-istess mod għal operazzjonijiet ta' CAT minn A sa A. L-emenda għall-Artikolu 10 tipproponi tranżizzjoni fl-għamla ta' non-parteciġazzjoni ta' sentejn għal titjiriet ta' CAT minn A sa A. Barra minn hekk, ir-Regolament li jemenda jipproponi emendi ta' konsistenza għas-CR, eż. għal FTL.
81. Barra minn hekk, ir-Regolament li jemenda jindirizza bidliet fl-Annessi li huma spjegati f'iktar dettall iktar 'l isfel.

82. Dwar ir-Regolament ta' Kopertura dwar l-Ekwipaġġ tal-ajru, jiddaħħal paragrafu ġdid ORA.ATO.155 biex l-ATOs ikunu jistgħu joffru titjiriet ta' promozzjoni f'ċerti ċirkustanzi. Ebda tranżizzjoni ma hi meqjusa neċessarja.

### III. Emendi għall-Parti-CAT

#### Kamp ta' applikazzjoni

83. Il-karta li ġejja tidentifika bil-blu dawk is-subpartijiet u s-sezzjonijiet applikabbli għal operazzjonijiet ta' CAT minn A sa A.



**Spjegazzjonijiet**

84. L-Annessi għar-Regolament dwar l-Operazzjonijiet bl-ajru u l-Parti-CAT b'mod partikolari ġew abbozzati filwaqt li ttieħed f'kunsiderazzjoni l-prinċipju ta' proporzjonalità sa mill-bidu nett. Għar-raġuni ta' proporzjonalità, ir-regoli eżistenti fil-Parti-CAT diġà jagħmlu distinzjoni bejn:
- operazzjonijiet lokali u titjiriet minn A sa A kontra operazzjonijiet minn A sa B;
  - inġenju tal-ajru mhux kumpless kontra inġenju tal-ajru kumpless;
  - inġenju tal-ajru b'magna waħda kontra b'ħafna magni;
  - operazzjonijiet billejl IFR u VFR kontra operazzjonijiet VFR bi nhar;
  - operazzjoni bi bdot wieħed kontra operazzjoni b'ħafna bdoti;
  - operazzjonijiet li jeħtieġu ekwipaġġ tal-kabina kontra operazzjonijiet bla bżonn ta' ekwipaġġ tal-kabina;
  - klassijiet ta' prestazzjoni A, B u C għall-ajruplani; u
  - klassijiet ta' prestazzjoni 1, 2, 3 u kategoriji A u B għall-ħelikopters.
85. Fil-qosor, għal operazzjonijiet ta' CAT minn A sa A, ir-regoli li ġejjin la huma applikabbli u lanqas relevanti:
- regoli indirizzati b'mod esklussiv għal operazzjonijiet minn A sa B;
  - regoli għal inġenji tal-ajru kumplessi;
  - regoli għal operazzjonijiet skont l-IFR;
  - regoli għal operazzjonijiet b'ħafna bdoti u regoli b'ekwipaġġ tal-kabina; u
  - regoli għal klassijiet ta' prestazzjoni A u C għall-ajruplani.
86. L-Anness 2 jipprovdi lista komprensiva bi spjegazzjonijiet għal 236 referenza għal regola li jew:
- jipprovdu eżenzjonijiet parzjali b'mod speċifiku għal operazzjonijiet ta' CAT minn A sa A; jew
  - jipprovdu eżenzjonijiet parzjali għal operazzjonijiet b'inġenju tal-ajru mhux kumpless jew ajruplani bi prestazzjoni tal-klassi B, jew operazzjoni f'żona lokali, li huma applikabbli wkoll għal operazzjonijiet ta' CAT minn A sa A; jew
  - fid-definizzjoni tagħhom mhumiex applikabbli jew relevanti għal operazzjonijiet ta' CAT minn A sa A.
87. Kif intqal iktar 'il fuq, l-eżenzjonijiet parzjali minn EU-OPS u JAR-OPS 3 għal ajruplani bi prestazzjoni tal-klassi B matul VFR bi nhar, operazzjonijiet żgħar bil-ħelikopter matul VFR bi nhar u operazzjonijiet lokali bil-ħelikopter ġew trasposti għall-Parti-CAT kemm jista' jkun. L-Anness 1 jipprovdi tabella ta' kontroreferenza b'dikjarazzjoni ta' traspożizzjoni.
88. Għal darba oħra, l-Aġenzija wettqet verifika tal-proporzjonalità tar-regoli applikabbli għal operazzjonijiet ta' CAT minn A sa A u identifikat ir-regoli li ġejjin fejn huma ġġustifikati eżenzjonijiet parzjali addizzjonali għal operazzjonijiet ta' CAT minn A sa A.

**CAT.OP.MPA.151 Politika dwar il-karburant – eżenzjonijiet parzjali**

89. Huwa propost li jiżdied subparagrafu (b) ġdid b'eżenzjoni parzjali għal operazzjonijiet ta' CAT minn A sa A b'ajruplani li huma Inġenji tal-Ajru Ewropej Ħfief (ELA) 2 matul VFR bi nhar. L-eżenzjoni parzjali tippermetti lill-operator sabiex minflok ma japplika r-rekwiżiti f'CAT.OP.MPA.150 għall-ippjanar tat-titjira u l-metodu ta' kalkolu tal-karburant ta' qabel it-titjira, jispeċifika biss karburant ta' riżerva finali minimu fl-OM li ma għandux ikun inqas mill-ammont meħtieġ biex itir għal perjodu ta' 45 minuta.
90. Eżenzjoni parzjali bħal dik kienet tinstab ukoll f'EU-OPS, Appendiċi 1 għal 1.005(a) 12(i).
91. Dan is-subparagrafu (b) l-ġdid jeħtieġ li s-subparagrafu (b) attwali jsir (c).

**CAT.POL.A.310 Ikklijjar ta' ostakli fit-tluġh – ajruplani b'ħafna magni**

92. Huwa propost li jiżdied subparagrafu (e), ġdid li jagħti eżenzjoni parzjali għall-operazzjonijiet VFR bi nhar b'ajruplani bi prestazzjoni tal-klassi B minn ċerti rekwiżiti ta' bini tal-mogħdija tat-titjira fit-tluġh li minn perspettiva tas-sikurezza huma rilevanti għall-operazzjonijiet f'kundizzjonijiet meteoroloġiċi viżwali (VMC).
93. Eżenzjoni parzjali bħal din tinsab ukoll f'EU-OPS, Appendiċi 1 għal 1.005(a) 24.(i).

**IV. Emendi għall-Parti-ORO****ORO.GEN**

94. F'termini ġenerali, meta jiġi ddeterminat il-bilanċ ġust bejn IR u AMC, l-Aġenzija qieset il-bżonn li jiġi żgurat l-adattament tar-regoli fi żminijiet meta l-progress fil-komunikazzjonijiet diġitali, ix-xjenza tal-kompjuters u dixxiplini oħrajn iwittu t-triq għal possibilitajiet kbar ta' alternattivi tekniċi u fejn l-ammont ta' alternattivi disponibbli għandu t-tendenza li jixtered, b'kumplessità u densità dejjem ikbar tal-operazzjonijiet. Il-kumplessità ikbar fil-mudelli tan-negozju u l-operazzjonijiet, b'bosta interazzjonijiet bejn l-elementi tas-sistema, mhux biss jeħtieġ li l-awtoritajiet u l-organizzazzjonijiet jimplimentaw sistemi ta' ġestjoni effettiva, iżda jeħtieġ ukoll flessibilità sabiex l-organizzazzjonijiet jilħqu jew jaqbżu l-għanijiet ta' sikurezza ddefiniti mill-IR, billi jadottaw mezzi ta' konformità u strateġiji għall-mitigazzjoni tar-riskji kif jidhrilhom li huwa xieraq skont l-organizzazzjoni, il-mudell tan-negozju, l-infrastutturi u t-tipi ta' operazzjoni partikolari tagħhom.
95. Dan japplika wkoll għar-rekwiżiti tas-sistema ta' ġestjoni bil-Parti-ORO, li huma strutturati sabiex jistabbilixxu l-għan ta' sikurezza fl-IR, filwaqt li l-mezzi dettaljati ta' kisba ta' dan l-għan huma ddefiniti bħala AMC. Dan jipprovdi flessibilità, hekk kif organizzazzjoni tista' tipproponi mezzi alternattivi għal dawk stabbiliti fl-AMC tal-Aġenzija biex tilħaq l-għan stabbilit fil-livell tal-IR. Dan huwa partikolarment rilevanti fil-qasam ta' ġestjoni tas-sikurezza, peress li ma jistax ikun hemm approċċ 'li jissodisfa lil kulħadd' għall-ġestjoni effettiva tas-sikurezza: l-organizzazzjonijiet għandhom bżonn il-flessibilità biex jidentifikaw il-perikli u jimmitigaw kif xieraq ir-riskji speċifiċi tagħhom għas-sikurezza.
96. Għaldaqstant, ma huma inklużi ebda rekwiżiti ddettaljati ż-żejjed il-livell ta' ORO.GEN sabiex ma jinħoloqx piż bla bżonn għal ċerti tipi ta' organizzazzjonijiet. F'termini ta'

ġestjoni tas-sikurezza, ir-rekwiżit ewlieni (ORO.GEN.200(a)(3)) huwa kemxejn konċiż, jippermetti lill-organizzazzjoni sabiex:

- tiżgura l-identifikazzjoni tal-perikli tas-sikurezza tal-avjazzjoni miġjuba mill-attivitajiet tagħha;
- tiżgura l-evalwazzjoni tagħhom u l-ġestjoni tar-riskji assoċjati;
- tiegħu azzjonijiet biex timmitiga r-riskju u tivverifika l-effettività.

97. Ta' min jinnota li kemm għall-organizzazzjonijiet kumplessi kif ukoll għal dawk li mhumiex kumplessi huwa possibbli li l-istess persuna taġixxi bħala maniġer tas-sikurezza u bħala maniġer tal-monitoraġġ tal-konformità, dejjem jekk ikunu disponibbli biżżejjed riżorsi għaż-żewġ funzjonijiet u tista' tiġi ggarantita l-indipendenza tal-ispezzjonijiet u l-awditjar.
98. Minħabba l-għamla tal-operazzjonijiet, huwa kkunsidrat li l-ebda oġġetti perikolużi ma jinġarru fuq l-inizjattiva tal-operatur matul it-tali operazzjonijiet. Barra minn hekk u għall-istess raġuni, il-passiġġieri mhumiex mistennija jgħorru oġġetti perikolużi minbarra dawk li diġà jitħallew jinġarru skont il-parti 8 tal-Istruzzjonijiet Tekniċi. Għaldaqstant, l-operazzjonijiet ta' CAT minn A sa A kif ukoll l-operazzjonijiet ta' CAT bi gliders u blalen tal-arja ġew eżentati mir-rekwiżit ta' ORO.GEN.110 (j) għal operatur sabiex jistabbilixxi u jmantni programm ta' taħriġ dwar oġġetti perikolużi għall-persunal tiegħu.

### **ORO.AOC**

99. 56. Għall-operaturi li jwettqu CAT minn A sa A u operazzjonijiet ta' CAT bi gliders u blalen tal-arja, ir-Regolament (KE) Nru 2042/2003 ma jeħtieġx in-nomina ta' detentur tal-kariga għall-ajrunavigabbiltà ssoktata. Dan ma kienx rifless biżżejjed f'ORO.AOC.135 u għalhekk ġie emendat is-subparagrafu (a)(4). Barra minn hekk, ir-rekwiżiti tal-faċilità ddefiniti f'ORO.GEN.215 huma meqjusa biżżejjed u għaldaqstant, it-tali operaturi huma eżentati mir-rekwiżiti tal-faċilità stabbiliti f'ORO.AOC.140.

### **ORO.MLR**

100. Huwa kkunsidrat li l-istruttura sħiħa ta' manwal tal-operazzjonijiet kif mitlub minn ORO.MLR.101 mhijiex relevanti għal operazzjonijiet ta' CAT minn A sa A b'ajruplani u ħelikopters ELA2. Għaldaqstant, sabiex tkun tista' tiġi introdotta flessibilità ikbar, filwaqt li jinżammu l-prinċipji ta' manwal tal-operazzjonijiet, it-tali operazzjonijiet ta' CAT minn A sa A, kif ukoll l-operazzjonijiet bi gliders u blalen tal-arja ġew eżentati minn ORO.MLR.101 u hija pprovduta struttura ssimplifikata ta' manwal tal-operazzjonijiet f'AMC2 ORO.MLR.100.

### **ORO.FC**

101. L-emendi għal ORO.FC huma konformi mal-proposta li diġà saret fl-Opinjoni 04/2011 tal-EASA. L-operaturi ta' operazzjonijiet ta' CAT minn A sa A u operazzjonijiet ta' CAT bi gliders u blalen tal-arja jridu jsegwu r-rekwiżiti komuni tas-Sezzjoni 1 li huma applikabbli għall-operaturi kummerċjali u mhux kummerċjali kollha ta' inġenju tal-ajru kumpless li jaħdem bil-mutur. Barra minn hekk, huma mitluba jikkonformaw mar-rekwiżit għal operazzjonijiet kummerċjali li mhumiex CAT tas-Sezzjoni 3 li tistpula verifika annwali tal-għarfien tal-operatur. Is-sezzjoni komuni diġà inkludiet eżenzjonijiet

parzjali għal ajruplani bi prestazzjoni tal-klassi B li jikkonċernaw il-validità ta' rotta/żona u l-kompetenza tal-ajrudrom. Din l-eżenzjoni parzjali issa hija estiża għal operazzjonijiet ta' CAT minn A sa A sa fejn ma japplikax il-perjodu ta' validità ta' 12-il xahar.

#### **V. Emendi għall-Parti-ARO**

102. Tħassar il-paragrafu f'ARO.OPS.210 li jitlob lill-awtorità tagħżel żona lokali.
103. Minflok żdied subparagrafu (c) ġdid ma' ARO.OPS.100 biex jiġi ċċarat li l-awtorità kompetenti tista' tiddetermina limitazzjonijiet operazzjonali speċifiċi li għandhom jiġu ddokumentati fl-OPSPECS. Il-format attwali ta' OPSPECS diġà fih entrati li jispeċifikaw limitazzjonijiet operazzjonali.

#### **VI. Emendi għall-Parti-ORA**

104. Ġie propost li jiżdied paragrafu ġdid f'ORA.ATO.155 biex l-ATOs ikunu jistgħu joffru, b'ċerti kundizzjonijiet, titjiriet ta' promozzjoni minn A sa A b'ajruplani ELA2, ħelikopters ELA2 u gliders u operazzjonijiet taż-żona lokali bi blalen tal-arja.
105. Din ir-regola għandha tippermetti sabiex l-ajruklabbs ikomplu bil-prattika attwali li joffru titjiriet ta' promozzjoni biex jiġbdu studenti ġodda u jipprovdu bażi legali solida għat-tali operazzjonijiet. Fl-istess ħin, l-Aġenzija pprovat tevita milli toħloq mhux ugwali għal kulħadd b'operaturi tal-ajru kummerċjali li joffru titjiriet ta' CAT minn A sa A skont il-VFR bi nhar b'ingeni tal-ajru ELA2. In-numru ta' jiem kif ukoll iż-żona tal-operazzjoni ġew ristretti.

#### **VII. Osservazzjonijiet oħra**

Għall-fini ta' operazzjonijiet ta' CAT minn A sa A, ma saru ebda bidliet fid-Definizzjonijiet fl-Anness I kif ippubblikati fl-Opinjoni 04/2011.

**Anness 1: Tabelli ta' kontroreferenza għall-Appendiċi f'EU-OPS u JAR-OPS3****Appendiċi 1 għal 1.005(a) – ajruplani bi prestazzjoni tal-klassi B, VFR bi nhar**

<b>Appendiċi 1 għal OPS 1.005(a)</b>	<b>EASA OPS – Referenza</b>	<b>Dikjarazzjoni tad-differenza</b>
<p>(a) Terminoloġija</p> <p>1. Operazzjonijiet minn A sa A — It-tluġ u l-inżul isiru fl-istess post.</p> <p>2. Operazzjonijiet minn A sa B — It-tluġ u l-inżul isiru f'postijiet differenti.</p> <p>3. Lejl — Is-siġhat bejn tmiem l-għabex ċivili tal-għaxxa u l-bidu tal-għabex ċivili tal-għodwa jew perjodu ieħor bħal dan bejn inżul ix-xemx u ż-żerniq, skont kif jista' jkun preskritt mill-awtorità xierqa.</p>	Anness I - Definizjonijiet	<p>It-termini minn A sa A u minn A sa B mhumiex iddefiniti hawn. Minn A sa A huwa deskritt fir-Regolament ta' Kopertura.</p> <p>Definizzjoni ta' lejl: ebda bidla.</p>
<p>(b) Operazzjonijiet li għalihom japplika dan l-Appendiċi jistgħu jsiru skont l-eżenzjonijiet parzjali li ġejjin.</p>		<p>Kummenti ġenerali:</p> <p>F'dawn li ġejjin, ajruplani bi prestazzjoni tal-klassi B tqiesu bħala ajruplani mhux kumplessi.</p> <p>Madankollu, ta' min jinnota li anki ajruplani bi prestazzjoni tal-klassi B jistgħu jkunu inġenji tal-ajru kumplessi jekk jew l-inġenji tal-ajru jkunu ġew iċċertifikati għal ekwipaġġ minimu tat-titjira ta' żewġ bdoti jew l-inġenji tal-ajru jkunu jaħdmu b'żewġ magni turbo prop jew iktar.</p>
<p>1. OPS 1.035 Sistema tal-Kwalità:</p> <p>Fil-każ ta' operatur żgħir ħafna, il-kariga ta' Maniġer tal-Kwalità jista' jeħodha detentur ta' kariga nnominat</p>	AMC1 ORO.GEN.200(a)(6)	<p>Emendat</p> <p>Il-funzjoni tal-maniġer tal-kwalità hija eżerċitata mill-maniġer tal-monitoraġġ</p>

Appendiċi 1 għal OPS 1.005(a)	EASA OPS – Referenza	Dikjarazzjoni tad-differenza
jekk jintużaw awdituri esterni. Dan japplika wkoll meta l-manijer responsabbli jkollu waħda jew ħafna mill-karigi nnominati.		tal-konformità (CMM). Din il-funzjoni ma tistax tkun ikkombinata ma' funzjoni ta' detentur ta' kariga. Madankollu, f'organizzazzjoni mhux kumplessa, il-funzjoni tas-CMM tista' tingħata flimkien mal-funzjoni tal-manijer responsabbli dejjem jekk il-manijer responsabbli jkun wera l-kompetenza relatata.
2. Riżervat		
3. OPS 1.075 Metodu ta' ġarr ta' persuni: Mhux meħtieġa għal operazzjonijiet VFR ta' ajruplani b'magna waħda.	CAT.GEN.MPA.165	Ma seħħitx traspożizzjoni Huwa ovvju li dan ir-rekwiżit mhuwiex relevanti għal ajruplani iżgħar u l-ebda miżura speċifika ma hija meħtieġa mill-operatur
4. OPS 1.100 Permess għal dħul fil-kokpit: (i) Operatur irid jistabbilixxi regoli għall-ġarr ta' passiġġieripassiġġieri f'sit ta' bdot. (ii) Il-kaptan irid jiżgura li: A. Il-ġarr ta' passiġġera f'sit ta' bdot ma jikkaġunax tfixkil u/jew xkiel fit-tħaddim tat-titjira; u B. Il-passiġġier li jokkupa sit ta' bdot jiġi mgħarraf dwar ir-restrizzjonijiet u l-proċeduri tas-sikurezza relevanti.	AMC1 CAT.GEN.135(a)(3)	Emendat Operazzjonijiet skont il-VFR billejl u IFR ġew esklużi b'mod intenzjonali sabiex jiġi evitat ir-riskju li passiġġier jimmanipula strumenti mingħajr ma jrid
5. OPS1.105 Ġarr Mhux Awtorizzat: Mhux meħtieġa għal operazzjonijiet VFR ta' ajruplani b'magna waħda.	-	Ma seħħitx traspożizzjoni Huwa ovvju li dan ir-rekwiżit mhuwiex relevanti għal ajruplani iżgħar u l-ebda

Appendiċi 1 għal OPS 1.005(a)	EASA OPS – Referenza	Dikjarazzjoni tad-differenza
<p>6. OPS1.135 Informazzjoni u formoli addizzjonali li għandhom jinġarru:</p> <p>(i) Għal operazzjonijiet VFR minn A sa A VFR ta' ajruplani b'magna waħda bi nhar, m'hemmx għaliex jinġarru d-dokumenti li ġejjin:</p> <p>(A) pjan tat-titjira operazzjonali;</p> <p>(B) log tekniku tal-ajruplan;</p> <p>(C) dokumentazzjoni ta' tagħrif f'sinteżi ta' NOTAM/AIS;</p> <p>(D) tagħrif meteoroloġiku;</p> <p>(E) notifika ta' kategoriji speċjali ta' passiġġieri...eċċ.; u</p> <p>(F) notifika ta' tagħbijiet speċjali inklużi oġġetti perikolużi...eċċ.</p> <p>(ii) Għal operazzjonijiet VFR minn A sa B ta' ajruplani b'magna waħda bi nhar, m'hemmx għaliex tinġarr notifika ta' kategoriji speċjali ta' passiġġieri kif deskritti f'OPS1.135(a)(7).</p> <p>(iii) Għal operazzjonijiet VFR minn A sa B bi nhar, il-pjan tat-titjira operazzjonali jista' jkun f'għamla ssimplifikata u jrid jissodisfa l-ħtiġijiet tat-tip tal-operazzjoni.</p>	<p>CAT.GEN.MPA.180 (b)</p> <p>CAT.OP.MPA.175 (c)</p> <p>AMC1 CAT.OP.MPA.175(a)</p>	<p>miżura speċifika ma hija meħtieġa mill-operatur</p> <p>Emendat</p> <p>L-eżenzjonijiet parzjali f'CAT.GEN.MPA.180 jinkludu wkoll iċ-ċertifikat tal-istorbju;</p> <p>il-liċenzja tar-radju tal-inġenju tal-ajru; u</p> <p>id-dokumentazzjoni dwar il-massa u l-bilanċ.</p> <p>Barra minn hekk, l-eżenzjonijiet parzjali għal operazzjonijiet minn A sa A u għal daww f'żona lokali huma identiċi.</p> <p>Operazzjonijiet minn A sa B skont il-VFR bi nhar b'ajruplani b'magna waħda jittqiesu li jikklassifikaw bħala operazzjonijiet f'żona lokali.</p>
<p>7. OPS1.215 Użu ta' Servizzi tat-Traffiku tal-Ajru:</p> <p>Għal operazzjonijiet VFR b'ajruplani b'magna waħda bi nhar, għandu jinżamm kuntatt mhux obbligatorju ma' ATS sa fejn ikun xieraq għall-għamla tal-operazzjoni. Iridu jiġu żgurati servizzi ta' tiftix u salvataġġ skont</p>	<p>CAT.OP.MPA.100(b)</p>	<p>Ebda bidla</p>

Appendiċi 1 għal OPS 1.005(a)	EASA OPS – Referenza	Dikjarazzjoni tad-differenza
OPS1.300.		
<p>8. OPS1.225 Valuri Operattivi Minimi tal-Ajrudrom:</p> <p>Għal operazzjonijiet VFR, il-minima ta' tħaddim VFR standard normalment ikopru dan ir-rekwiżit. Fejn ikun hemm bżonn, l-operatur jista' jispesifika fl-OM il-kundizzjonijiet addizzjonali għall-applikabilità tat-tali valuri minimi filwaqt li jieħu f'kunsiderazzjoni fatturi bħall-kopertura tar-radju, l-art, l-għamla tas-siti għat-tluġ u l-inżul, il-kundizzjonijiet tat-titjira u l-kapaċità tal-ATS.</p>	<p>Proposta: AMC ġdid</p> <p>AMC12 CAT.OP.MPA.110 Valuri Operattivi Minimi tal-Ajrudrom</p> <p>OPERAZZJONIJIET VFR B'INĠENJI TAL-AJRU LI MHUMIEX INĠENJI TAL-AJRU KUMPLESSI LI JAĦDMU BIL-MUTUR</p> <p>Sabiex jistabbilixxi valuri operattivi minimi tal-VFR, l-operatur jista' japplika l-valuri operattivi minimi tal-VFR preskritti fil-Parti-SERA. Fejn ikun hemm bżonn, l-operatur jista' jispesifika fl-OM il-kundizzjonijiet addizzjonali għall-applikabilità tat-tali valuri minimi filwaqt li jieħu f'kunsiderazzjoni fatturi bħall-kopertura tar-radju, l-art, l-għamla tas-siti għat-tluġ u l-inżul, il-kundizzjonijiet tat-titjira u l-kapaċità tal-ATS.</p>	Ebda bidla
<p>9. OPS1.235 Proċeduri għat-tnaqqis tal-istorbju:</p> <p>Mhux applikabbli għal operazzjonijiet VFR b'ajruplani b'magna waħda.</p>	CAT.OP.MPA.130	Ebda bidla
<p>10. OPS1.240 Rotot u Żoni ta' Operazzjoni:</p> <p>Is-subparagrafu (a)(1) mhuwiex applikabbli għal operazzjonijiet VFR minn A sa A ta' ajruplani b'magna waħda bi nhar.</p>	CAT.OP.135(c)	Ebda bidla

Appendiċi 1 għal OPS 1.005(a)	EASA OPS – Referenza	Dikjarazzjoni tad-differenza
<p>11. OPS1.250 Twaqqif ta' altitudnijiet minimi tat-titjir:</p> <p>Għal operazzjonijiet VFR bi nhar, dan ir-rekwiżit huwa applikabbli kif ġej. Operatur għandu jiżgura li l-operazzjonijiet jitwettqu biss f'rotot jew fi ħdan oqasma tali li għalihom tista' tinżamm distanza sikura mill-art u għandu jieħu f'kunsiderazzjoni fatturi bħat-temperatura, l-art, kundizzjonijiet meteoroloġiċi mhux favorevoli (eż. turbolenza severa u kurrenti tal-arja 'l isfel, korrezzjonijiet għal varjazzjonijiet fit-temperatura l-pressjoni mill-valuri standard).</p>	AMC1.1 CAT.OP.MPA.145(a)	Ebda bidla
<p>12. OPS1.255 Politika tal-Karburant:</p> <p>(i) Għal Titjiriet minn A sa A —Operatur għandu jispeċifika l-kontenuti minimi tal-karburant li bihom trid tintemm it-titjira. Dan il-karburant minimu, tar-riżerva finali, ma jistax ikun inqas mill-ammont meħtieġ biex itir għal perjodu ta' 45 minuta.</p> <p>(ii) Għal titjiriet minn A sa B —Operatur għandu jiżgura li l-kalkolu ta' qabel it-titjira ta' karburant li jista' jintuża meħtieġ għat-titjira jinkludi;</p> <p>(A) Karburant għas-sewqan—Karburant ikkunsmat qabel it-tlugħ, jekk notevoli; u</p> <p>(B) Karburant għall-vjaġġ (Karburant biex jasal sad-destinazzjoni); u</p> <p>(C) Karburant ta' riżerva –</p> <p>1. Karburant ta' kontinġenza —Karburant li mhuwiex inqas minn 5% tal-karburant ippjanat għall-vjaġġ jew, fil-każ ta' ppjanar mill-ġdid matul it-titjira, 5% tal-karburant għall-vjaġġ għall-bqija tat-titjira; u</p> <p>2. Karburant tar-riżerva finali—Karburant biex l-</p>	<p>għal (i):</p> <p>Proposta: CAT.OP.MPA.151(b) ġdida</p> <p>Minkejja (a), għal operazzjonijiet ta' ajruplani mhux kumplessi b'MTOM ta' 2 000 kg jew inqas li jtilqu u jinżlu fl-istess ajrudom jew sit operattiv, l-operatur għandu jispeċifika r-riżerva finali tal-karburant fl-OM li ma għandux ikun inqas mill-ammont meħtieġ biex l-ajruplan itir għal perjodu ta' 45 minuta.</p> <p>dik li kienet (b) issa trid issir (c)</p> <p>għal (ii)</p> <p>CAT.OP.MPA.151(a)</p>	<p>Emendat</p> <p>Limitata għal ajruplani mhux kumplessi b'MTOM ta' 2 000 kg jew inqas.</p>

Appendiċi 1 għal OPS 1.005(a)	EASA OPS – Referenza	Dikjarazzjoni tad-differenza
<p>ajruplan itir għal perjodu addizzjonali ta' 45 minuta (magni bil-pistuni) jew 30 minuta (magni bit-turbina); u</p> <p>(D) Karburant ta' alternattiva —Karburant biex jasal sad-destinazzjoni alternattivi permezz tad-destinazzjoni, jekk ikun hemm bżonn ta' alternattiva għad-destinazzjoni; u</p> <p>(E) Karburant żejjed—Karburant li l-kaptan jista' jkollu bżonn minbarra dak meħtieġ fis-subparagrafi (A)-(D) iktar 'il fuq.</p>		
<p>13. OPS1.265 Il-ġarr ta' passiġġieri li ma jistgħux jitħallew jitlegħu, nies deportati jew persuni f'kustodja:</p> <p>Għal operazzjonijiet VFR b'ajruplani b'magna waħda u fejn ma jkunx hemm il-ħsieb li jinġarru passiġġieri li ma jistgħux jitħallew jitlegħu, nies deportati jew persuni f'kustodja, operatur mhux meħtieġ jistabbilixxi proċeduri għall-ġarr tat-tali persuni.</p>	CAT.OP.MPA.155	<p>Parzjalment trasposta.</p> <p>Mit-test jidher ovvju li l-proċeduri tal-operatur huma meħtieġa biss meta jinġarru SCPs.</p> <p>Minkejja li l-fatt li passiġġieri li ma jistgħux jitħallew jitlegħu, nies deportati u persuni f'kustodja rarament jistgħu jinġarru f'ajruplan b'magna waħda skont il-VFR bħala CAT, ma hemm ebda ġustifikazzjoni għas-sikurezza għaliex il-proċeduri tal-operatur ma għandhomx ikunu meħtieġa għat-tali titjiriet.</p>
<p>14. OPS1.280 Sits għall-Passiġġieri:</p> <p>Mhux Applikabbli għal operazzjonijiet VFR b'ajruplani b'magna waħda.</p>	CAT.OP.MPA.165	<p>Ma seħħitx traspożizzjoni</p> <p>Huwa ovvju li għal operazzjonijiet b'ajruplani mhux kumplessi, it-twaqqif ta' proċeduri għandu jsegwi approċċ proporzjonat u pragmatiku. Jidher li ma hemm ebda bżonn ta' eżenzjoni</p>

Appendiċi 1 għal OPS 1.005(a)	EASA OPS – Referenza	Dikjarazzjoni tad-differenza
		parzjali.
<p>15. OPS1.285 Tagħrif f'sinteżi għall-passiġġieri: Wirja u tagħrif f'sinteżi għandhom jingħataw kif ikun xieraq skont it-tip ta' operazzjoni. F'operazzjonijiet bi bdot wieħed, il-bdot jista' ma jingħataw lux kompiti li jifxluh mid-dmirijiet ta' titjir tiegħu.</p>	<p>CAT.OP.MPA.170 Proposta biex jiżdied AMC2 CAT.OP.MPA.170 OPERAZZJONIJIET BI BDOT WIEĦED MINGĦAJR EKWIPAĠĠ TAL-KABINA Għal operazzjonijiet bi bdot wieħed mingħajr ekwipaġġ tal-kabina, il-kaptan għandu jipprovdi tagħrif f'sinteżi lill-passiġġieri ħlief matul fażijiet kritiċi tat-titjira.</p>	Ebda bidla
<p>16. OPS1.290 Tħejjija tat-Titjira: (i) pjan tat-titjira operazzjonali għal Operazzjonijiet minn A sa A—Mhux Meħtieġ. (ii) Operazzjonijiet minn A sa B skont il-VFR bi nhar—Operatur għandu jiżgura li għamla ssimplifikata ta' pjan tat-titjira operazzjonali li huwa relevanti għat-tip ta' operazzjoni huwa lest għal kull titjira.</p>	<p>CAT.OP.MPA.170(c) AMC1 CAT.OP.MPA.170(a)</p>	Ebda bidla
<p>17. OPS1.295 Għażla ta' ajrudromi: Mhux applikabbli għal operazzjonijiet VFR. L-istruzzjonijiet meħtieġa għall-użu ta' ajrudromi u siti għat-tluġh u l-inżul għandhom jinħarġu b'referenza għal OPS1.220.</p>	CAT.OP.MPA.180	<p>Ma seħħitx traspożizzjoni It-test fis-seħħ attwali diġà jeskludi operazzjonijiet VFR.</p>
<p>18. OPS1.310 Membri tal-ekwipaġġ fi stazzjonijiet: Għal operazzjonijiet VFR, l-istruzzjonijiet dwar din il-kwistjoni huma meħtieġa biss meta jsiru</p>	CAT.OP.MPA.210	<p>Ma seħħitx traspożizzjoni Ir-regola fis-seħħ diġà tindirizza operazzjonijiet b'ekwipaġġ multiplu biss. Barra minn hekk, ma hemm ebda</p>

<b>Appendiċi 1 għal OPS 1.005(a)</b>	<b>EASA OPS – Referenza</b>	<b>Dikjarazzjoni tad-differenza</b>
operazzjonijiet b'żewġ bdoti.		korrelazzjoni loġika bejn ir-rekwiżit ta' sikurezza u l-klassijiet ta' prestazzjoni jew ir-regoli tat-titjir li jistgħu jittieħdu f'kunsiderazzjoni.
19. OPS1.375 Ġestjoni tal-karburant matul it-titjira: M'hemmx bżonn li jiġi applikat l-Appendiċi 1 għal OPS 1.375 mhuwiex meħtieġ jiġi applikat għal operazzjonijiet VFR b'ajruplani b'magna waħda bi nhar.	CAT.OP.MPA.280	Ma seħħitx traspożizzjoni L-Appendiċi 1 għal OPS 1.375 ma jeżistix.
20. OPS1.405 Tnedija u ssoktar ta' approċċ: Mhux applikabbli għal operazzjonijiet VFR.	CAT.OP.MPA.305	Ma seħħitx traspożizzjoni Ir-rekwiżit jindirizza operazzjonijiet skont l-IFR. Ebda bżonn ta' eżenzjoni parzjali espliċita għal operazzjonijiet VFR.
21. OPS1.410 Proċeduri operattivi— l-għoli għall-qsim tal-limitu: Mhux applikabbli għal operazzjonijiet VFR.	CAT.OP.MPA.310	Ma seħħitx traspożizzjoni Ir-rekwiżit jindirizza operazzjonijiet ta' avviċinament bi preċiżjoni. Ebda bżonn ta' eżenzjoni parzjali espliċita għal operazzjonijiet VFR.
22. OPS1.430 sa 1.460, inklużi l-appendiċi: Mhux applikabbli għal operazzjonijiet VFR.	CAT.OP.MPA.110-120 SPA.LVO	Ma seħħitx traspożizzjoni Flief għar-rekwiżit li jiġu stabbiliti valuri minimi għal operazzjonijiet VFR, l-IR u l-AMCs korrispondenti jindirizzaw operazzjonijiet skont l-IFR. Ebda bżonn ta' eżenzjoni parzjali espliċita għal operazzjonijiet VFR.

Appendiċi 1 għal OPS 1.005(a)	EASA OPS – Referenza	Dikjarazzjoni tad-differenza
<p>23. OPS1.530 Tluġh:</p> <p>(i) (i) Is-subparagrafu (a) japplika biż-żieda li ġejja. Fuq bażi ta' każ b'każ, l-Awtorità tista' taċċetta dejta oħra dwar il-prestazzjoni prodotta mill-operatur u fuq il-bażi ta' wiri u/jew esperjenza ddokumentata. Is-subparagrafi (b) u (c) japplikaw biż-żieda li ġejja. Fejn ma tkunx tista' ssir konformità mar-rekwiżiti ta' dan il-paragrafu minħabba limitazzjonijiet fiżiċi relatati mal-estensjoni tar-runway u jkun hemm interess pubbliku ċar u ħtieġa għall-operazzjoni, l-Awtorità tista' taċċetta, fuq bażi ta' każ b'każ, dejta oħra dwar il-prestazzjoni, li ma tkunx f'kunflitt mal-Manwal tat-Titjir tal-Ajruplan relatat ma' proċeduri, prodott mill-operatur fuq il-bażi ta' wirja u/jew esperjenza ddokumentata.</p> <p>(ii) Operatur li jixtieq iwettaq operazzjonijiet skont is-subparagrafu (i) jrid ikun kiseb l-approvazzjoni minn qabel tal-Awtorità li toħroġ l-AOC. Dik l-approvazzjoni ser:</p> <p>(A) tispeċifika t-tip ta' ajruplan;</p> <p>(B) tispeċifika t-tip ta' operazzjoni;</p> <p>(C) tispeċifika l-ajrudrom(i) u r-runways ikkonċernati;</p> <p>(D) tillimita t-tluġh li jrid jitwettaq skont il-VMC;</p> <p>(E) tispeċifika l-kwalifiki tal-ekwipaġġ, u</p> <p>(F) tkun limitata għal ajruplani li l-ewwel ċertifikat tat-tip ikun inħarġilhom għall-ewwel darba qabel l-1 ta' Jannar 2005.</p> <p>(iii) L-operazzjoni trid tkun aċċettata mill-Istat fejn jinstab l-ajrudrom.</p>	CAT.POL.A.305	Ma seħħitx traspożizzjoni kwalunkwe eżenzjoni parzjali ta' każ b'każ tkun teħtieġ proċedura tal-Artikolu 14.
24. OPS1.535 Ikklijar ta' ostakli fit-tluġh—Ajruplani	CAT.POL.A.310	Parzjalment traspost

Appendiċi 1 għal OPS 1.005(a)	EASA OPS – Referenza	Dikjarazzjoni tad-differenza
<p>b'ħafna magni:</p> <p>(i) Is-subparagrafi (a)(3), (a)(4), (a)(5), (b)(2), (c)(1), (c)(2) u l-Appendiċi mhumiex applikabbli għal operazzjonijiet VFR bi nhar.</p> <p>(ii) Għal IFR jew operazzjonijiet VFR bi nhar, is-subparagrafi (b) u (c) japplikaw bil-varjazzjonijiet li ġejjin.</p> <p>(A) Gwida viżwali tal-mogħdija titqies disponibbli meta l-viżibilità tat-titjira tkun ta' 1500m jew iktar</p> <p>(B) Il-wisa' massima meħtieġa tal-kuritur hija ta' 300m meta l-viżibilità tat-titjira tkun ta' 1 500m jew iktar.</p>	<p>AMC1 CAT.POL.A.310</p> <p>Biex jiġi traspost (i) hija proposta l-emenda li ġejja għal CAT.POL.A.310:</p> <p>jiddaħħal subparagrafu (e) ġdid</p> <p>Ir-rekwiżiti f'(a)(3), (a)(4), (a)(5), (b)(2) u (c)(2) ma għandhomx ikunu applikabbli għal operazzjonijiet VFR bi nhar.</p> <p>biex jiġi parzjalment traspost (ii) hija proposta l-emenda li ġejja għal AMC1 CAT.POL.A.310:</p> <p>żid ma' tmiem is-subparagrafu (a):</p> <p>Għal operazzjonijiet VFR billejl, il-gwida viżwali tal-mogħdija għandha titqies disponibbli meta l-viżibilità tat-titjira tkun ta' 1 500 m jew iktar.</p>	<p>(i) ir-referenza għal (c)(1) mhijiex trasposta. Inkella r-regola ma tkunx tkopri l-mogħdija tat-titjira li teħtieġ bidliet fil-korsa ta' iktar minn 15°.</p> <p>(ii) ir-referenza għal IFR u għal (B) mhijiex trasposta. Ma hemm ebda ġustifikazzjoni għas-sikurezza disponibbli għal eżenzjonijiet parzjali bħal dawkw.</p>
<p>25. OPS1.545 Inżul—ajrudromi ta' destinazzjoni u alternattivi:</p> <p>(i) Il-paragrafu japplika biż-żieda li ġejja. Fejn ma tkunx tista' ssir konformità mar-rekwiżiti ta' dan il-paragrafu minħabba limitazzjonijiet fiżiċi relatati mal-estensjoni tar-runway u jkun hemm interess pubbliku ċar u ħtieġa għall-operazzjoni, l-Awtorità tista' taċċetta, fuq bażi ta' każ b'każ, dejta oħra dwar il-prestazzjoni, li ma tkunx f'kunflitt mal-Manwal tat-Titjir tal-Ajruplan relatat ma' proċeduri, prodott mill-operatur fuq il-bażi ta' wirja u/jew esperjenza</p>		<p>Ma seħħitx traspożizzjoni kwalunkwe eżenzjoni parzjali ta' każ b'każ tkun teħtieġ proċedura tal-Artikolu 14.</p>

Appendiċi 1 għal OPS 1.005(a)	EASA OPS – Referenza	Dikjarazzjoni tad-differenza
<p>ddokumentata.</p> <p>(ii) Operatur li jixtieq iwettaq operazzjonijiet skont is-subparagrafu (i) jrid ikun kiseb l-approvazzjoni minn qabel tal-Awtorità li toħroġ l-AOC. Dik l-approvazzjoni ser:</p> <p>(A) tispeċifika t-tip ta' ajruplan;</p> <p>(B) tispeċifika t-tip ta' operazzjoni;</p> <p>(C) tispeċifika l-ajrudrom(i) u r-runways ikkonċernati;</p> <p>(D) tillimita l-avviċinament finali u l-inżul li jridu jitwettqu skont il-VMC;</p> <p>(E) tispeċifika l-kwalifiki tal-ekwipaġġ, u</p> <p>(F) tkun limitata għal ajruplani li ċ-ċertifikat tat-tip ikun inħarġilhom għall-ewwel darba qabel l-1 ta' Jannar 2005.</p> <p>(iii) L-operazzjoni trid tkun aċċettata mill-Istat fejn jinstab l-ajrudrom.</p>		
<p>26. OPS1.550 Inżul—runways nixfin:</p> <p>(i) Il-paragrafu japplika biż-żieda li ġejja. Fejn ma tkunx tista' ssir konformità mar-rekwiżiti ta' dan il-paragrafu minħabba limitazzjonijiet fiżiċi relatati mal-estensjoni tar-runway u jkun hemm interess pubbliku ċar u ħtieġa għall-operazzjoni, l-Awtorità tista' taċċetta, fuq bażi ta' każ b'każ, dejta oħra dwar il-prestazzjoni, li ma tkunx f'kunflitt mal-Manwal tat-Titjir tal-Ajruplan relatat ma' proċeduri, prodott mill-operatur fuq il-bażi ta' wirja u/jew esperjenza ddokumentata.</p> <p>(ii) Operatur li jixtieq iwettaq operazzjonijiet skont is-subparagrafu (i) jrid ikun kiseb l-approvazzjoni minn qabel tal-Awtorità li toħroġ l-AOC. Dik l-approvazzjoni</p>		<p>Ma seħħitx traspożizzjoni kwalunkwe eżenzjoni parzjali ta' każ b'każ tkun teħtieġ proċedura tal-Artikolu 14.</p>

Appendiċi 1 għal OPS 1.005(a)	EASA OPS – Referenza	Dikjarazzjoni tad-differenza
<p>ser:</p> <p>(A) tispeċifika t-tip ta' ajruplan;</p> <p>(B) tispeċifika t-tip ta' operazzjoni;</p> <p>(C) tispeċifika l-ajrudrom(i) u r-runways ikkonċernati;</p> <p>(D) tillimita l-avviċinament finali u l-inżul li jridu jitwettqu skont il-VMC;</p> <p>(E) tispeċifika l-kwalifiki tal-ekwipaġġ; u</p> <p>(F) tkun limitata għal ajruplani li l-ewwel ċertifikat tat-tip ikun inħarġilhom qabel l-1 ta' Jannar 2005.</p> <p>(iii) L-operazzjoni trid tkun aċċettata mill-Istat fejn jinstab l-ajrudrom.</p>		
27. Riżervat		
<p>28. OPS1.650 Operazzjonijiet VFR bi Nhar:</p> <p>Il-paragrafu 1.650 huwa applikabli biż-żieda li ġejja. Ajruplani b'magna waħda, li nħarġilhom l-ewwel ċertifikat ta' ajrunavigabbiltà qabel it-22 ta' Mejju 1995, jistgħu jkunu eżenti mir-rekwiżiti tas-subparagrafi (f), (g), (h) u (i) mill-Awtorità jekk is-sodisfazzjoni tkun teħtieġ rinnovament (retrofitting).</p>	CAT.IDE.A.125 (d)	Ebda bidla
<p>29. Parti-M, paragrafu M.A.704, Espożizzjoni tal-Ġestjoni tal-Ajrunavigabbiltà Ssoktata</p> <p>L-Espożizzjoni tal-Ġestjoni tal-Ajrunavigabbiltà Ssoktata tista' tiġi adattata għall-operazzjoni li ser titwettaq;</p>		Mhux indirizzat fir-Regolament dwar l-Operazzjonijiet bl-ajru.
<p>30. Parti M, paragrafu M.A.306, Sistema tal-log tekniku tal-operatur:</p> <p>L-Awtorità tista' tapprova għamla mqassra ta' sistema</p>		Mhux indirizzat fir-Regolament dwar l-Operazzjonijiet bl-ajru.

Appendiċi 1 għal OPS 1.005(a)	EASA OPS – Referenza	Dikjarazzjoni tad-differenza
tal-log tekniku li tkun relevanti għat-tip ta' operazzjoni mwettqa.		
31. OPS1.940 Sawra tal-Ekwipaġġ tat-titjira: Is-subparagrafi (a)(2), (a)(4), u (b) mhumiex applikabbli għal Operazzjonijiet VFR bi nhar, ħlief li (a)(4) irid jiġi applikat bis-sħiħ fejn ikun hemm bżonn ta' żewġ bdoti minn OPS1.		Ma seħħitx traspożizzjoni L-applikabilità/nuqqas ta' applikabilità hija ċara fit-test
32. OPS1.945 Taħriġ u verifika tal-konverżjoni: (i) Is-subparagrafu (a)(7)—Titjir f'linja taħt superviżjoni (LIFUS) jista' jsir fuq kwalunkwe ajruplan fi ħdan il-klassi applikabbli. L-ammont ta' LIFUS meħtieġ jiddependi fuq il-kumplessità tal-operazzjonijiet li jridu jitwettqu. (ii) Is-subparagrafu (a)(8) mhuwiex meħtieġ.		ORO.FC.220 (d)(2)+ AMC1 punt e.3 korrispondenti  ORO.FC.220 (b)(i)
OPS1.955 Nomina bħala kaptan: Is-subparagrafu (b) japplika kif ġej. L-Awtorità tista' taċċetta kors ta' kaptan imqassar relevanti għat-tip ta' operazzjoni mwettqa. Is-subparagrafu (a)(1)(i) mhuwiex applikabbli għal operazzjonijiet VFR bi nhar.		ORO.FC.205 (g)
34. OPS1.960 Kaptani li għandhom Liċenzja ta' Bdot Kummerċjali		ORO.FC.A.250 (b)
35. OPS1.965 Taħriġ u verifika rikorrenti: (i) Is-subparagrafu (a)(1) għandu jiġi applikat kif ġej għal operazzjonijiet VFR bi nhar. It-taħriġ u l-verifika		AMC1 ORO.FC.230, punt a.5

Appendiċi 1 għal OPS 1.005(a)	EASA OPS – Referenza	Dikjarazzjoni tad-differenza
<p>kollha għandhom ikunu rilevanti għat-tip ta' operazzjoni u l-klassi ta' ajruplan li fuqu jopera l-membri tal-ekwipaġġ tat-titjira filwaqt li jittieħed f'kunsiderazzjoni xierqa kwalunkwe tagħmir speċjalizzat użat.</p> <p>(ii) Is-subparagrafu (a)(3(ii)) japplika kif ġej. It-taħriġ fl-ajruplan jista' jsir minn Eżaminatur ta' Klassifikazzjoni tal-Klassi (CRE), Eżaminatur tat-Titjira (FE) jew Eżaminatur ta' Klassifikazzjoni tat-Tip (TRE).</p> <p>(iii) Is-subparagrafu (a)(4)(i) japplika kif ġej. Verifika tal-għarfien tal-operatur tista' ssir minn Eżaminatur ta' Klassifikazzjoni tat-Tip (TRE), Eżaminatur ta' Klassifikazzjoni tal-Klassi (CRE) jew minn kaptan ikkwalifikat kif xieraq innominat mill-operatur u aċċettabbli għall-Awtorità, imħarreġ fil-kunċetti ta' CRM u l-valutazzjoni ta' ħiliet ta' CRM.</p> <p>(iv) Is-subparagrafu (b)(2) għandu jkun applikabbli kif ġej għal Operazzjonijiet VFR bi nhar. F'dak il-każijiet fejn l-operazzjonijiet jintemmu matul staġuni li ma jiħdux iktar minn tmien xhur konsekuttivi, verifika waħda tal-għarfien tal-operatur hija biżżejjed. Din il-verifika tal-għarfien trid issir qabel jibdew l-operazzjonijiet ta' trasport kummerċjali.</p>		<p>ORO.FC.145 (a)(2)</p> <p>ORO.FC.230 (b)(5)</p> <p>ORO.FC.230 (b)(3)</p>
<p>36. OPS1.968 Kwalifika tal-bdot għas-sit ta' wieħed mill-bdoti:</p> <p>L-Appendiċi 1 mhuwiex applikabbli għal Operazzjonijiet VFR ta' ajruplani b'magna waħda bi nhar.</p>		<p>Ma seħħitx traspożizzjoni Rekwiżit li jispjega lilu nnifsu</p>
<p>37. OPS1.975 Kompetenza tar-rotta u l-ajrudrom:</p>		

Appendiċi 1 għal OPS 1.005(a)	EASA OPS – Referenza	Dikjarazzjoni tad-differenza
<p>(i) Għal operazzjonijiet VFR bi nhar, is-subparagrafi (b), (c) u (d) mhumiex applikabbli, flief li l-operatur għandu jiżgura li fil-każijiet fejn ikun hemm bżonn ta' approvazzjoni speċjali mill-istat tal-ajrudrom, jiġu osservati r-rekwiżiti assoċjati.</p> <p>(ii) Għal operazzjonijiet IFR jew operazzjonijiet VFR billejl, bħala alternattiva għas-subparagrafi (b) sa (d), il-kompetenza tar-rotta jew tal-ajrudrom tista' terġa' tiġi vvalidata kif ġej:</p> <p>(A) Flief għal operazzjonijiet lejn l-iktar ajrudromi impenjattivi, permezz tat-tlestija ta' tal-inqas 10 setturi fi ħdan iż-żona ta' operazzjoni matul it-12-il xahar ta' qabel minbarra kwalunkwe tagħrif proprju f'sinteżi li jkun meħtieġ.</p> <p>(B) Operazzjonijiet lejn l-iktar ajrudromi impenjattivi jistgħu jsiru biss jekk:</p> <ol style="list-style-type: none"> <li>1. il-kaptan ikun kiseb il-kwalifiki fl-ajrudrom fi ħdan l-aħħar 36 xahar permezz ta' żjara bħala membru operattiv tal-ekwipaġġ tat-titjira jew bħala osservatur;</li> <li>2. l-avviċinament jitwettaq f'VMC mill-altitudni minima applikabbli tas-settur; u</li> <li>3. ikun ingħata tagħrif proprju f'sinteżi adegwat qabel it-titjira</li> </ol>		<p>GM1 ORO.FC.105 (c)</p> <p>AMC2 ORO.FC.105 (c)</p>
<p>38. OPS1.980 Iktar minn tip jew varjant wieħed:</p> <p>(i) Mhux applikabbli jekk l-operazzjonijiet ikunu limitati għal klassijiet ta' bdot wieħed ta' ajruplani b'magna bil-pistuni skont il-VFR bi nhar.</p> <p>(ii) Għal Operazzjonijiet IFR u VFR billejl, ir-rekwiżit fl-</p>		<p>ORO.FC.240 (c)</p>

Appendiċi 1 għal OPS 1.005(a)	EASA OPS – Referenza	Dikjarazzjoni tad-differenza
Appendiċi 1 għal OPS1.980, s-subparagrafu (d)(2)(i) għal 500 siegħa fil-pożizzjoni tal-ekwipaġġ rilevanti qabel ma jinqabżu l-privileġġi ta' żewġ approvazzjonijiet ta' liċenzji, jitnaqqas għal 100 siegħa jew setturi jekk waħda mill-approvazzjonijiet tkun relatata ma' klassi. Trid titwettag titjira ta' verifika qabel ma l-bdot jitħalla jwettag dmirijietu bħala Kaptan.		AMC1 ORO.FC.240 a.4.ii.A
39. OPS1.981 L-operazzjoni ta' ħelikopters u ajruplani: Is-subparagrafu (a)(1) mhuwiex applikabbli jekk l-operazzjonijiet ikunu limitati għal klassijiet ta' bdot wieħed ta' ajruplani b'magna bil-pistuni.		ORO.FC.240 (c)
40. Riżervat		
41. OPS1.1060 Pjan tat-titjira operazzjonali: Mhux meħtieġ għal operazzjonijiet VFR/bi Nhar minn A sa A. Għal operazzjonijiet VFR/bi Nhar minn A sa B, ir-rekwiżit huwa applikabbli iżda l-pjan tat-titjira jista' jkun f'għamla ssimplifikata rilevanti għat-tip ta' operazzjonijiet imwettqa. (ara OPS1.135).	CAT.OP.MPA.175 (c) AMC1 CAT.OP.MPA.175(a)	Traspost Differenza: EASA OPS jirreferi biss għal VFR u mhux VFR bi nhar. Madankollu, il-kamp ta' applikazzjoni ta' operazzjonijiet minn A sa A huwa limitat għal VFR bi nhar.
42. OPS1.1070 Espożizzjoni tal-Ġestjoni tal-Ajrunavigabbiltà Ssokkata L-Espożizzjoni tal-Ġestjoni tal-Ajrunavigabbiltà Ssokkata tista' tiġi adattata skont l-operazzjoni li għandha titwettag.		Mhux indirizzat fir-Regolament dwar l-Operazzjonijiet bl-ajru.
43. OPS1.1071 Log tekniku tal-ajruplan: Applikabbli skont kif indikat għall-Parti M, paragrafu M.A.306 Sistema ta' log tekniku tal-		Mhux indirizzat fir-Regolament dwar l-Operazzjonijiet bl-ajru.

Appendiċi 1 għal OPS 1.005(a)	EASA OPS – Referenza	Dikjarazzjoni tad-differenza
operaturi.		
44.Riżervat		
45.Riżervat		
<p>46. OPS1.1240 Programmi ta' taħriġ:  Il-programmi ta' taħriġ għandhom jiġu adattati għat-tip ta' operazzjonijiet imwettqa. Programm ta' taħriġ bi studju indipendenti jista' jkun aċċettabbli għal operazzjonijiet VFR.</p>	-	<p>Ma seħħitx traspożizzjoni  Fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 300/2008.</p>
<p>47. OPS1.1250 Lista ta' kontroll għall-proċedura ta' tiftix ta' ajruplan:  Mhux applikabbli għal operazzjonijiet VFR bi nhar.</p>	-	<p>Ma seħħitx traspożizzjoni  Fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 300/2008.</p>

**Appendiċi 1 għal 3.005(f) – operazzjonijiet żgħar bil-ħelikopter, VFR bi nhar**

<b>Appendiċi 1 għal OPS 3.005(f) operazzjonijiet żgħar bil-ħelikopter, VFR bi nhar</b>	<b>EASA OPS – Referenza</b>	<b>Dikjarazzjoni tad-differenza</b>
<p>(a) Terminoloġija.</p> <p>(1) Operazzjoni Lokali. Titjira mwettqa fi ħdan żona ġeografika lokali u ddefinita aċċettabbli għall-Awtorità, li tibda u tintemm fl-istess post fl-istess jum.</p>	Anness I - Definizjonijiet	<p>Emendat</p> <p>Id-definizzjoni fl-EASA OPS hija iktar speċifika. Ħelikopters żgħar (kif iddefiniti f'JAR-OPS 1) jitqiesu ħelikopters mhux kumplessi (fit-tifsira tar-Regolament Bażiku).</p>
<p>(b) Approvazzjoni. Operatur li jixtieq iwettaq operazzjonijiet skont dan l-Appendiċi jrid jikseb l-approvazzjoni minn qabel tal-Awtorità li toħroġ l-AOC. Approvazzjoni bħal din għandha tispeċifika:</p> <p>(1) It-tip ta' ħelikopter; u</p> <p>(2) It-tip ta' operazzjoni.</p> <p>(3) Il-limitazzjonijiet ġeografiċi ta' operazzjonijiet lokali fil-kuntest ta' dan l-appendiċi (ara ACJ għall-Appendiċi 1 għal JAR-OPS 3.005(f) paragrafu (b)(3)).</p>	ORO.AOC	<p>Ma seħħitx traspożizzjoni</p> <p>Ma hemm ebda bżonn ta' traspożizzjoni espliċita ta' din ir-regola. L-operazzjoni xorta waħda hija parti mill-AOC u inkluża fis-sistema ta' sorveljanza tal-awtorità.</p>
<p>(ċ) Projbizzjoni. L-attivitajiet li ġejjin huma pprojbiti:</p>		
<p>(1) JAR-OPS 3.065. Il-ġarr ta' armi tal-gwerra u munizzjon tal-gwerra.</p>	CAT.GEN.MPA.155	<p>Ma seħħitx traspożizzjoni</p> <p>Din l-eżenzjoni parzjali mhijiex meqjusa relevanti. Huwa ferm improbabbli li armi tal-gwerra u munizzjon tal-gwerra jiġu ttrasportati fi ħdan ambjent ta' CAT b'ħelikopter żgħir.</p>

<b>Appendiċi 1 għal OPS 3.005(f) operazzjonijiet żgħar bil-ħelikopter, VFR bi nhar</b>	<b>EASA OPS – Referenza</b>	<b>Dikjarazzjoni tad-differenza</b>
(2) JAR-OPS 3.265. Il-ġarr ta' passiġġieri li ma jistgħux jitħallew jitolgħu, nies deportati jew persuni f'kustodja.	CAT.OP.MPA.155	Ma seħħitx traspożizzjoni Mhux relevanti. Il-ġarr ta' passiġġieri li ma jistgħux jitħallew jitolgħu, nies deportati jew persuni f'kustodja b'ħelikopter mhux kumpless jew waqt operazzjoni lokali b'ħelikopter tidher li hija improbabbli.
(3) JAR-OPS 3.305. Għoti mill-ġdid/tneħħija ta' karburant b'passiġġieri li tilgħin fuq l-ajruplan, abbord, jew niżlin minnu.	CAT.OP.MPA.195	Ma seħħitx traspożizzjoni Ir-regola attwali diġà tipprojbixxi l-għoti mill-ġdid ta' karburant u t-tneħħija tal-karburant b'passiġġieri li tilgħin fuq l-ajruplan, abbord, jew niżlin minnu b'AVGAS u karburant ta' qatgħa wiesgħa jew taħlita ta' dawn it-tipi ta' karburant. Għalhekk, ħafna mill-ħelikopters mhux kumplessi diġà huma indirizzati f'din ir-regola.
(4) JAR-OPS 3.335. Tipjip abbord	CAT.OP.MPA.240	Ma seħħitx traspożizzjoni. Effettivament, ir-regola eżistenti diġà tipprojbixxi u tipprovdi biżżejjed protezzjoni.
(d) Eżenzjoni parzjali. L-attivitajiet li ġejjin huma mtaffija:		
(1) JAR-OPS 3.100 Dħul fil-kokpit: (i) Operatur irid jistabilixxi regoli għall-ġarr ta' passiġġieri f'sit tal-bdot, jekk applikabbli. (ii) Il-kaptan irid jiżgura li: (A) il-ġarr ta' passiġġieri fis-sit tal-bdot ma	AMC1 CAT.GEN.135(a)(3)	Ebda bidla

<b>Appendiċi 1 għal OPS 3.005(f) operazzjonijiet żgħar bil-ħelikopter, VFR bi nhar</b>	<b>EASA OPS – Referenza</b>	<b>Dikjarazzjoni tad-differenza</b>
<p>jikkaġunax tfixkil u/jew ixekkel l-operazzjoni tat-titjira; u</p> <p>(B) il-passiġġier li jieħu sit ta' bdot jiġi mgħarraf dwar ir-restrizzjonijiet u l-proċeduri tas-sikurezza rilevanti.</p>		
<p>(2) JAR-OPS 3.135 Informazzjoni u formoli addizzjonali li jridu jinġarru.</p> <p>(i) Għal operazzjonijiet lokali, ma hemmx għaliex jinġarru d-dokumenti li ġejjin:</p> <p>(A) JAR-OPS 3.135(a)(1) - Pjan tat-titjira operazzjonali</p> <p>(B) JAR-OPS 3.135(a)(2) - Log Tekniku (ħlief meta meta jkun meħtieġ għall-inżul)</p> <p>(C) JAR-OPS 3.135(a)(4) - Dokumentazzjoni ta' Notam/AIS</p> <p>(D) JAR-OPS 3.135(a)(5) - Informazzjoni meteoroloġika</p> <p>(E) JAR-OPS 3.135(a)(7) - Notifika ta' passiġġieri speċjali, eċċ.</p> <p>(F) JAR-OPS 3.135(a)(8) - Notifika ta' tagħbijiet speċjali, eċċ.</p> <p>(ii) Għal operazzjonijiet mhux lokali:</p> <p>(A) JAR-OPS 3.135(a)(1) - Pjan tat-titjira operazzjonali Il-pjan tat-titjira jista' jkun f'għamla ssimplifikata, rilevanti għat-tip ta'</p>	<p>CAT.GEN.MPA.180 (b)</p> <p>CAT.OP.MPA.175 (c)</p> <p>AMC1 CAT.OP.MPA.175(a)</p>	<p>għal (i) Emendat</p> <p>L-eżenzjonijiet parzjali f'CAT.GEN.MPA.180 jinkludu wkoll iċ-ċertifikat tal-istorbju; il-liċenzja tar-radju tal-inġenju tal-ajru; u id-dokumentazzjoni dwar il-massa u l-bilanċ. għal (ii) ebda bidla.</p>

<b>Appendiċi 1 għal OPS 3.005(f) operazzjonijiet żgħar bil-ħelikopter, VFR bi nhar</b>	<b>EASA OPS – Referenza</b>	<b>Dikjarazzjoni tad-differenza</b>
operazzjonijiet imwettqa u aċċettabbli għall-Awtorità.  (B) JAR-OPS 3.135(a)(7) - Notifika ta' passiġġieri speċjali. Mhijiex meħtieġa.		
(3) JAR-OPS 3.140 Informazzjoni miżmuma l-art.  L-informazzjoni m'hemmx għaliex tinżamm l-art meta jintużaw metodi oħrajn ta' reġistrazzjoni.	CAT.GEN.MPA.185	Ma seħħitx traspożizzjoni  It-tir tal-eżenzjoni parzjali mhuwiex ċar u lanqas ma huwa speċifikat biżżejjed sabiex ikun eliġibbli għal IR. Barra minn hekk, ir-regola eżistenti diġà tispeċifika li l-informazzjoni għandha tinżamm sakemm tkun saret kopja tagħha fil-post li fih ser tinħażen.
(4) JAR-OPS 3.165 Kiri.  Applikabbli biss meta jkun jeżisti ftehim formali ta' kiri.  Nota: Il-każ fejn il-kuntratt għall-ġarr tal-passiġġieri jiġi ttrasferit lil operatur ieħor li ser jitħallas mill-passiġġieri għat-trasport, mhuwiex meqjus bħala kiri.	ORO.AOC.110	Ma seħħitx traspożizzjoni  Ġeneralment huwa mifhum li l-kiri jeħtieġ ftehim formali ta' kiri.
(5) JAR-OPS 3.215 Użu tas-Servizzi tat-Traffiku tal-Ajru.  Mhux applikabbli sakemm dan ma jkunx permess mir-rekwiżiti tal-ispazju tal-ajru u l-forniment ta' arranġamenti ta' servizzi ta' tiftix u salvataġġ ikun aċċettabbli għall-Awtorità.	CAT.OP.MPA.100(b)	Ebda bidla
(6) JAR-OPS 3.220 Awtorizzazzjoni ta' Ħeliports	AMC1 CAT.OP.MPA.105 (d)	Emendat

<b>Appendiċi 1 għal OPS 3.005(f) operazzjonijiet żgħar bil-ħelikopter, VFR bi nhar</b>	<b>EASA OPS – Referenza</b>	<b>Dikjarazzjoni tad-differenza</b>
